# Il-Ħajja f'Għawdex

April 2000 – Nru. 818



GOZO CATHEDRAL
PARISH CENTRE
DONATED BY
AF
9-2000
(DATE)
ĠAD
70604

## Dorthese Ellis

### - tgħix mill-ġdid fir-'Renal Unit' t'Għawdex

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

# IL-QUDDIESA MFISSRA



Dan huwa r-raba' volum fis-sensiela
**"Għejun ta' Katekesi"**
ippublikati fl-okkażjoni
tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000.

Il-volumi l-oħra li ġa ħarġu f'din is-sensiela ta' katekesi għal kulħadd, huma:

1. "Il-Pjan tal-Fidwa fil-Bibbja"
   minn P. Guido Schembri ofm

2. "Il-Ġrajjiet Ewlenin tal-Knisja"
   minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi

3. "Il-Ġublew - x'inhu u għaliex"
   minn Mons. Salv Borg

Suġġetti oħra li qegħdin jitlestew:

5. "Is-Sagramenti f'Ħajjitna"
   minn P. Guido Schembri ofm

6. "Il-Misteru ta' l-Għid"
   minn Angelo Xuereb

Kull volum jinbiegħ Lm 1.50c.



Katekesi
dwar
is-Sagrifiċċju
Ewkaristiku
minn
Mons. Nikol Ġ. Cauchi
Isqof ta' Għawdex

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista: Dothese Ellis u r-*Renal Unit Fund* • 12
Għawdex 300 mit sena ilu – Il-Lampier quddiem "*De Solidad*" • 15
Drawwiet Missirijietna: Ir-Randan ta' dari u l-festi tal-Ġimgħa l-Kbira • 16
Jinfetaħ il-Kumpless Sportiv tas-Seminarju • 18
Is-Seminaristi Għawdxin f'Ruma • 20
Apprezzament: Mons. Ġiovanni Galea • 20
Wirt Għiritna: Il-Feniċi (3) • 24
Ħsibijiet għall-Ġimgħa Mqaddsa • 26
Dun Ġorġ Preca u l-Persuna ta' Sidna Ġesù Kristu • 28
Il-Ġublew: Min jasal u min jitlaq • 30
It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja Jeddijiet u Dmirijiet • 32
F'Ġerusalemm saret l-Aħħar Ikla • 34
Bookmark • 37
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Mid-Dinja Teknoloġika • 42

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 818**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**

**Abbonament : Lm 3**

**Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press"***
***Għajnsielem, Għawdex***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Marzu 2000. Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**

Dorthese Ellis u r-Renal Unit
*(ara intervista f'paġna 12)*

# EDITORJAL



# Allerġija Reliġjuża

*Ninsabu fi żmien meta fil-knejjes tagħna jkollna bosta attivitajiet assoċjati mar-Randan u mal-festi ta' l-Għid. B'sodisfazzjon kbir ikollna attendenza sabiħa, imma nosservaw li kull sena, u kullimkien, in-nies qed tonqos fin-numru speċjalment għall-eżerċizzi u ċerti funzjonijiet. Għalhekk ta' min jistudja sew il-kawża ta' dan l-assenteiżmu mingħajr ma noqogħdu nġibu skużi u nwaħħlu f'ħaddieħor.*

*L-ewwelnett nosservaw li fost iż-żgħażagħ u l-adoloxxenti qed tinħoloq bħal allerġija reliġjuża. Ħafna, speċjalment dawk ta' l-iskola, saru xettiċi dwar kull ma hu tal-Knisja. Malli ssemmilhom xi ħaġa u tistedinhom għal xi attivita' reliġjuża dlonk isaqsuk: kemm iddum? It-tul ma jissaportuhx. Għalihom ċerti attivitajiet reliġjużi joffru monotonija li ddejjaqhom. Dan ma jfissirx li ż-żgħażagħ ħżienu, imma żgur li jitolbu xi ħaġa ġdida u mpenjattiva.*

*Ħaġa oħra mportanti hi li filwaqt li dari kellna ħafna nies dilettanti tal-knisja u ma jixbgħux bil-funzjonijiet reliġjużi, illum hawn delizzji oħra. Hawn ta' min jiftaħ għajnejh sew għax ma nistgħux inkomplu nqsiu l-ħwejjeġ tal-knisja bħala delizzju. Ir-reliġjon altru li mhix delizzju, imma mpenn serju li jitlob sagrifiċċji u persważjoni. Jekk inkomplu nibnu fuq id-delittantiżmu nkunu nibnu fuq ir-ramel.*

*Hemm bżonn naraw liema setturi tas-soċjetà qegħdin isiru allerġiċi għar-reliġjon u għall-Knisja. Imbagħad nistudjaw sew dawn x'iridu u nippruvaw norganizzaw attivitajiet li jimpenjawhom u jinteressawhom. Hemm bżonn nesperimentaw u fuq kollox innaqqsu mit-tul tal-ħin. Ma nistgħux nippretendu li dak li jogħġob lill-organizzaturi jogħġob lil kulħadd.*

*L-akbar inkwiet hu li dawk li fi ċkunithom jimirdu bl-allerġija reliġjuża mhux lakemm tfejjaqhom minnha la jikbru. Il-knejjes tagħna għadhom immexxijin bid-dilettantiżmu u neqsin mill-professjonalità f'dinja fejn kollox jitmexxa b'mod professjonali. Hemm bżonn urġenti ta' tiġdid fl-imħuħ kif stqarr kemm il-darba Mons. Isqof speċjalment f'dawn l-aħħar żminijiet tal-Kungress Ewkaristiku u tal-ftuħ tal-Ġublew.*




## Il-LEĠJUN TA' MARIJA: 50 SENA F'GĦAWDEX



Is-Sibt 15 ta' Jannar fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Knisja tax-Xewkija. Fl-omelija Mons. Isqof qal li "F'kull għamla ta'appostolat li nwettqu m'għandniex nippriedkaw lilna nfusna, m'għandniex nippruvaw insiru popolari ma' l-oħrajn, imma jrid ikollna dik l-istess mentalita` u xewqa li kellu San Ġwann Battista rigward Kristu; "Jeħtieġ li huwa jikber u jien niċkien", jeħtieġ li Kristu jkun magħruf u maħbub dejjem iżjed u aħna nibqgħu moħbija fix-xejn tagħna, fl-umilta` tagħna."

## QUDDIESA GĦALL-MORDA

Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Frar, "Jum il-Morda", fl-10.00a.m. Mons. Isqof iċċelebra Quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu. Mons. Cauchi waqt l-omelija qal kelma ta' kuraġġ lill-morda biex jerfgħu b'sabar is-salib tagħhom u jkunu dejjem rikonoxxenti għal dak li jagħmlu magħhom dawk li jduru bihom fid-djar u fl-isptarijiet.

Fl-okkażjoni ta' "Jum il-Morda" Mons. Isqof flimkien ma' l-Uffiċjal tal-Caritas ta' Għawdex żaru l-Isptar Ġenerali t'Għawdex u ltaqgħu mal-morda.

## GĦOTI TAL-MINISTERI TAL-LETTORAT U AKKOLITAT

Is-Sibt 12 ta' Frar, fil-Kattidral t'Għawdex, Mons Nikol Ġ. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni li fiha



ngħataw il-ministeri tal-Lettorat u l-Akkolitat lil seba' seminaristi li qegħdin jirċievu l-formazzjoni tagħhom fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Is-Seminaristi li rċevew il-ministeri huma: Daniel Borġ (lettorat) u s-seminaristi Joseph Cardona, Jesmond Gauci, Roberto Gauci, Joseph Grech, Anthony M. Saliba u Joseph Sultana (Akkoliti).

## KOMUNITAJIET *TIĠI SALTNATEK*

Il-Komunitajiet ta' Malta u Għawdex "Tiġi Saltatek" mill-11 sat-13 ta' Frar organizzaw sensiela ta' Konferenzi fis-sala tal-Oratorju Don Bosco. Mons Isqof fit-12 ta' Frar ħa sehem f'waħda minn dawn il-konferenzi. Fid-diskors li għamel huwa nsista illi dawk li jaħdmu fil-qasam tal-Apostolat tal-Lajċi

għandhom jaħdmu id f'id u għal skop wieħed anke jekk ikunu ġejjin minn organizzazzjonijiet differenti.

**JUM IL-BIBBJA**

Fit-13 ta' Frar ġiet fi tmiemha it-Tmintax il-Ġimgħa Biblika Djoċesana li saret mis-7 sat-13 ta' Frar u kellha bħala suġġett "Kristu l-Ħaruf t'Alla". Matul il-ġimgħa ġew organizzati tliet laqgħat fuq livell Djoċesan fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika li tmexxew minn Dun Anton Mizzi, Patri Marcello Ghirlando O.F.M. u Mons Lawrenz Sciberras. Fl-istess ġimgħa kellhom isiru attivitajiet oħra fil-Parroċċi fosthom l-intronizzazzjoni tal-Bibbja, Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla u t-tqassim tal-Bibbja.

**L-EKUMENIŻMU**

Fil-kors ta' "Teoloġija għal-Lajċi" organizzat miċ-Ċentru Kultura Nisranija fil-ħdan il-Kurja t'Għawdex, Mons Isqof fis-16 ta' Frar tkellem dwar l-Ekumeniżmu: Il-knejjes ta' wara r-Riforma. Huwa semma', fost l-oħrajn, kif il-Luterani, il-Kalvinisti u l-Anglikani nfirdu mill-Knisja fis-seklu sittax u dwar l-inizjattivi li kien hemm min-naħa tal-Knisja Kattolika u ta' knejjes oħra biex jersqu lejn xulxin.

**JUM L-ISCOUTS**

Nhar il-Ħadd 20 ta' Frar f'Għawdex ġiet iċċelebrata il-ġurnata ta' l-Iscouts. Filgħodu l-Iscouts iltaqgħu fil-bażilika ta' San Ġorġ fejn Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni għalihom. Fl-omelija, l-Isqof ikkummenta l-Vanġelu tal-ġurnata dwar il-fejqan tar-raġel magħtub li kien merfugħ minn erbat' irġiel li qalgħu s-saqaf u niżżluh bil-ħbula quddiem Kristu. Dan hu eżempju ta' għajnuna prattika li għandna nagħtu lil proxxmu tagħna, ħaġa li toqgħod ħafna ma' l-ideali tal-Iscouts. Wara l-Quddiesa ittieħed rittratt ta' l-Iscouts flimkien ma' l-Isqof quddiem l-Bażilika ta' San Ġorġ.

**TESSERAMENT TA' L-AZZJONI KATTOLIKA**

Fit-22 ta' Frar inżamm it-Tesserament ta' l-Azzjoni Kattolika fid-Dar Ċentrali, ir-Rabat Għawdex. Għal din l-okkażjoni Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni u fl-omelija tkellem dwar id-demokrazija fil-Knisja. Huwa qal li l-Knisja hija demokratika jekk b'demokrazija nifhmu "Ir-rispett lejn id-dinjita` u lejn id-drittijiet tal-oħrajn . Il-Knisja kienet minn ta' l-ewwel li iddefendiet dan u nistgħu nqisuha bħala waħda mill-istituzjonijiet l-aktar demokratiċi." Mons. Isqof kompla josserva li jekk b'demokrazija nifhmu l-għażla tal-mexxejja mill-poplu rridu nżommu quddiem għajnejna li "Kristu meta waqqaf il-knisja m'għażilx din il-forma ta' tmexxija u r-rieda tiegħu espliċita kienet dik li l-Knisja tkun immexxiha mill-appostli taħt l-awtorita` ta' San Pietru u s-suċċessuri tagħhom."

**SEMINAR DWAR IL-FAMILJA**

Is-Sibt 26 ta' Frar, il-Parroċċa ta' San Ġorġ organizzat Seminar f'Dar Manresa, Victoria, bis-



suġġett "Il-Familja fil-Parroċċa, il-parroċċa fil-familja". Il-kelliem ewlieni kien Fr. Dione Cutajar, Kappillan ta' Ħ'Attard, Malta, li qasam l-esperjenza pastorali tiegħu. Il-parteċipanti, imbagħad, inqasmu f'erba' *workshops* biex jiddiskutu xi aspetti pożittivi u negattivi tas-sitwazzjoni preżenti u joffru wkoll suġġerimenti prattiċi. Is-seminar intemm bil-qari tar-riżoluzzjonijiet tal-*workshops* u b'messaġġi ta'apprezzament mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia u mill-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi.

**JUM L-ISQOF**

Fit-2 ta' Marzu fl-okkażjoni ta' għeluq snin l-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi l-Moviment Pro Sanctitate f'Għawdex organizza "Jum l-Isqof". L-iskop ta' dan il-Jum huwa li joħloq sensibiltà għall-missjoni li għandu l-Isqof fid-Djoċesi sabiex l-insara jikbru fis-sens ta' korresponsabiltà fil-ħajja pastorali tad-djoċesi. Fil-5.30p.m. Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria u fl-omelija staqsa x'soċjetà ser ngħaddulhom lil uliedna. Huwa tkellem dwar il-messaġġi u t-tagħlim tal-Isqfijiet:L-awtorità tagħna ġejja minn Alla u lilu rridu nagħtu kont ta' dak li niddeċiedu u nagħmlu. Mons Isqof temm il-priedka billi għamel sejħa biex naħdmu bis-sħiħ ħalli nsaħħu l-fidi u biex naħdmu id f'id għall-ġejjieni aħjar fejn il-Knisja tkun tgawdi r-rispett li jixirqilha.

Fis-7.30p.m. Mons. Isqof fetaħ l-Isports Complex tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù Victoria.




## *Gozo Philatelic Society*

Id-dilettanti Għawdxin tal-kollezzjoni tal-bolli issa għandhom l-għaqda tagħhom. Din is-soċjeta' twaqqfet fit-12 ta' Frar fil-preżenza ta' l-Onor. Giovanna Debono li faħħret din l-inizjattiva. Kif spjega l-President ta' din l-għaqda n-nutar Michael Refalo, dan id-delizzju hu ferm edukattiv u għalhekk bdew jiġu organizzati attivitajiet biex jitħajru t-tfal għal dan il-passatemp. Il-kbar jistgħu jispeċjalizzaw anke f'riċerka storika dwar is-suġġett. Qed isiru wkoll kuntatti ma' barra. Hemm maħsuba diversi attivitajiet għall-ġejjieni, iżda diġa' ħarġu kartolini speċjali tal-millennju.

## *Unur lil saċerdot Għawdxi*



Dan l-aħħar Fr. Dominic Camilleri min-Nadur ġie magħżul bħala "Man of the Year 1999" mill-"American Biographical Institute, USA". Huwa rċieva d-diploma fuq parċmina kulurita u b'disinn speċjali ffirmata mir-reġistratur Mr. L. M. Kellander tal-*Board of International Research* u minn Mr. C. L. White li huwa membru fil-*Governing Board of Editors*. Fr. Camilleri ġie mogħti dan l-unur minħabba diversi inizjattivi li wettaq u għall-eżempju nobbli li huwa ta lil sħabu u lill-komunita' tiegħu.

## *Art tal-Gvern lill-Kunsill Lokali tal-Qala*

Ġie ffirmat ftehim bejn il-Kunsill Lokali tal-Qala u d-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn l-area Ta' Grunju ħdejn il-grawnd tal-futbol ingħatat lil dan il-Kunsill Lokali sabiex tiġi amministrata minnu. Din l-area issa ser tiġi żviluppata bħala post ta' rikreazzjoni għal kulħadd filwaqt li parti mill-grawnd ser titkisser u taħt se jsiru *dressing rooms* ġodda, toilets u sala li tista' tiġi konvertita f'gym. Ser jinbena wkoll ġibjun fejn jinġabar l-ilma tax-xita biex fix-xhur Sajfin jissaqqew minnu l-pjanti u s-siġar li ser jitħawwlu f'din l-area. Il-proġett li huwa kollu kemm hu ffinanzjat mill-Kunsill Lokali hu programmat li jitlesta lejn tmiem din is-sena. Il-ftehim ġie ffirmat minn Paul Buttigieg Sindku tal-Qala u Marcia Rapa Segretarja, waqt li Albert V. Mamo aġent direttur iffirma f'isem id-Dipartiment ta' l-Artijiet. Għaċ-ċerimonja ta' l-iffirmar, kien hemm preżenti Dr. Austin Gatt, Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u d-Direttur tal-Kunsilli Lokali Victor Rizzo.

## *Karnival 2000*

Il-Karnival ġie ċċelebrat bejn it-3 ta' Marzu u s-7 ta' Marzu. Il-Ġimgħa filgħodu nżamm il-Karnival tat-tfal fil-Kumpless Sportiv. Mis-Sibt sat-Tlieta l-programm sar fi Pjazza Indipendenza. Kienu diversi





kumpaniji, baned, maskri grotteski u karrijiet li taw kulur lil dawn il-festi. Diversi kienu dawk il-Kunsilli Lokali fosthom dak tan-Nadur li organizzaw diversi attivitajiet sabiex jerġgħu jagħtu l-ħajja lill-Karnival fil-lokalita' tagħhom u fl-istess waqt iqajmu mill-ġdid tradizzjonijiet partikukari tal- lokalita' marbutin mal-karnival.

## Lm20, 000 lill-Għaqdiet Volontarji



Dawn il-flus tqassmu mill-Ministru għal Għawdex lil diversi għaqdiet Għawdxin li jagħmlu xogħol volontarju f'diversi oqsma tal-ħajja, fosthom dak edukattiv, soċjali u kulturali. Il-preżentazzjoni tal-flus saret fil-bini l-ġdid ħdejn iċ-ċimiterju tax-Xewkija, bini li ser iservi bħala lokal lill-għaqdiet Għawdxin biex jagħmlu laqgħat, jattendu seminars ta' taħriġ u fejn ikunu wkoll jistgħu jagħmlu r-riċerki meħtieġa. Iċ-ċentru ser ikun mgħammar b'faċilitajiet ta' librerija u s-servizz ta' l-Internet. Minn din l-iskema ta' għotjiet ibbenefikaw tmenin għaqda volontarja Għawdxija.

## *Gozo Motor Show*

Waqt konferenza ta' l-aħbarijiet mogħtija mill-Kumitat ta' Kerċem Ajax F.C. tħabbar illi l-wirja tradizzjonali tal-karozzi *The Gozo Motorshow* organizzata mill-istess club ser issir fil-ġonna ta' Villa Rundle, Victoria nhar il-Ħadd 23 ta' April. Minbarra l-aħħar mudelli ta' karrozzi, ser ikun hemm stands bil-muturi, trakkijiet karozzi wżati u dak kollu li għandu x'jaqsam ma' vetturi u sewqan. Ser ikun hemm ukoll *stands* bl-ikel u xorb, logħob u pjanti u xtieli ma jonqsux. Id-dħul ser ikun b'xejn b'ċans sabiħ li jintrebħu diversi rigali.

## *Impressions*



Bejn il-11 u l-25 ta' Marzu l-Kunsill Lokali tan-Nadur tella' wirja ta' pittura ta' l-artist Graham Gurr fit-Torri ta' Kenuna. Graham Gurr huwa residenti fin-Nadur u esebixxa numru ta' xogħlijiet tiegħu fit-tliet livelli tat-Torri ta' Kenuna. Il-wirja kienet inawgurata mill-Eċċellenza Tiegħu Howard Pearce l-Kummissarju Għoli Ngliż għal Malta nhar is-Sibt 11 ta' Marzu. Din kienet l-ewwel wirja li ttellgħet fit-Torri ta' Kenuna. Dan it-torri ġie restawrat mill-MaltaCom plc u ftit tax-xhur ilu l-istess kumpanija għamlet ftehim mal-Kunsill Lokali tan-Nadur u l-Ministeru għal Għawdex dwar l-użu ta' dan it-torri.

## *Festa ta' San Girgor*

Mill-25 ta' Frar sat-12 ta' Marzu nżammet il-festa ta' dan il-Papa Qaddis fil-parroċċa ta' Kerċem. Fost l-attivitajiet li saru, is-Sibt 11 ta' Marzu sar pellegrinaġġ djoċesan mill-Pjazza t'isfel għall-Knisja Parrokkjali. Dan il-pellegrinaġġ tmexxa mill-Isqof t'Għawdex. Il-Ħadd imbagħad ħarġet il-purċissjoni bl-Istatwa devota u l-*Innu Marcia* ndaqq mill-Banda San Girgor.

## *Laqgħa mal-Ministru*

Delegazzjoni mill-*Gozo Tourism Association Council* kellha laqgħa mal-Ministru għal Għawdex. Fil-laqgħa ġew diskussi diversi suġġetti, fosthom ir-restawr ta' diversi postijiet turistiċi, implimentazzjoni ta' programm għal dawk it-turisti li jkunu jixtiequ jiġu Għawdex u jużaw il-mixi bħala l-mezz ta' trasport tagħhom u l-parteċipazzjoni ta' Għawdex f'fieri nternazzjonali tat-turiżmu. Fil-fatt l-istess assoċjazzjoni ħadet sehem fil-fiera tat-Turiżmu *BIT* li saret f'Milan.

## *Elezzjonijiet Kunsilli Lokali*

Is-Sibt 11 ta' Marzu nżammu l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fi tliet lokalitajiet Għawdxin: f'Ta' Sannat, l-Għarb u Victoria.

F'Ta' Sannat ħarġu jivvutaw 86% ta' dawk eliġibbli għall-vot. Ġew eletti ħames kunsilliera, Bugeja Adeodato, Camilleri Carmel u Mercieca Anthony f'isem il-Partit Laburista u Bajada Joseph u Vella Marija f'isem il-Partit Nazzjonalista.



*Joseph Bajada (Sannat)*



*Adeodato Bugeja (Sannat)*



*Carmel Camilleri (Sannat)*



*Anthony Mercieca (Sannat)*

**GRAZZI LILL-ABBONATI BENEFATTURI TAGĦNA**

• Minn qalbna rridu nroddu ħajr lil numru sabiħ ta' abbonati tar-rivista tagħna, li għoġobhom joffrulna donazzjonijiet ta' Lm2, Lm5 u Lm10 aktar mill-ħlas regolari ta' Lm3, b'risq l-ispejjeż kbar ta' l-istampar ta' kull xahar.'Il quddiem nippublikaw lista sħiħa ta' dawn l-abbonati sostenituri.

• Nixtiequ wkoll navżaw li l-għaxar rigali speċjali għall-abbonati kollha se ntellgħuhom bix-xorti nhar il-festa ta' l-Għid il-Kbir, u nħabbruhom fil-ħarġa tar-rivista ta' Mejju.



*Maria Vella (Sannat)*

Fl-Għarb ivvutaw 84% u ġew eletti għall-Partit Nazzjonalista Apap David, Apap Louis u Vella Carmen filwaqt li għall-Partit Laburista ġew eletti Caruana Ursola u Mifsud Tonio.



*Paul Cassar (Victoria)*



*Joseph Debrincat (Victoria)*



*David Apap (Għarb)*



*Louis Apap (Għarb)*



*Spiru Formosa (Victoria)*



*Vivienne Galea Pace (Vict.)*



*Ursola Caruana (Għarb)*



*Tonio Mifsud (Għarb)*



*Josef Schembri (Victoria)*



*Anton Tabone (Victoria)*



*Carmen Vella (Għarb)*

Fil-Victoria vvutaw 80% tal-votanti reġistrati. Għal dan il-Kunsill kien jeħtieġ li jiġu eletti seba' kunsilliera. Fil- fatt ġew eletti tlieta għall-Malta Labour Party, Camilleri Victor, Debrincat Joseph u Formosa Spiru u erbgħa għall-Partit Nazzjonalista : Cassar Paul, Galea Pace Vivienne Mary, Schembri Josef u Tabone Anton.



*Victor Camilleri (Victoria)*







## "TAGĦRIF DWAR SAĦĦA SESSWALI GĦALL-IRĠIEL U N-NISA ŻGĦAŻAGĦ"

Hekk jismu librett ta' natura nformattiva maħruġ mid-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa. Inizjattiva sabiħa dik li tgħallem u tinforma, għax m'għandniex nibqgħu bl-ideja li s-sess hu xi ħaġa ħażina, kif trabbejna aħna meta konna żgħar. Mela x'fih dan il-librett?

Fih stqarrija kbira u fl-opinjoni tiegħi gravi: jitlaq minn premessa ġenerali li ż-żgħażagħ tal-lum qed ifittxu biss li jkollhom relazzjonijiet sesswali, allura jridu joqogħdu attenti minn żewġ affarijiet: li (t-tfajliet) ma jinqabdux u li jifthu għajnejhom għall-mard li jittieħed sesswalment. L-idea ta' sesswalità li torbot koppja b'mod indissolubbli u tiġġenera l-ulied sabet il-bieb magħluq.

Biex ngħidu kollox il-librett fih diversi aspetti tajbin. Diġa' li tagħti informazzjoni utli għas-saħħa fiżika hi ta' min ifaħħarha; jgħid liż-żgħażagħ biex ikunu responsabbli ta' l-għażliet u tal-konsegwenzi li jistgħu joħorġu mill-għażliet tagħhom; jgħidilhom biex ikollhom rieda ħielsa u ma jħallux li l-metalità permissiva tkaxkarhom; jgħidilhom biex fid-diffikultajiet ifittxu parir mingħand min jista' jgħinhom; jgħidilhom li jistgħu jeżistu relazzjonijiet li ma jinbewx biss fuq is-sess; indirettament jammetti li l-permessività sesswali hi kawża ta' tixrid ta' mard li jittieħed sesswalment; iġiegħel liż-żgħażagħ u lill-edukaturi jaħsbu ftit aktar. Dan kollu hu pożittiv u ta' min ifaħħru. Mela għax qed nikkritikawh?

Nikkritikawh għaliex il-librett tkaxkar hu stess mill-pressjoni soċjali tal-permissività sesswali; għar-raġuni li kważi kważi jistqarr li ż-żgħażagħ jiltaqgħu flimkien biex b'xi mod jew ieħor iwasslu r-relazzjoni tagħhom għas-sess; għax is-sesswalità hi mbattla għal kollox minn kull riferiment morali; għax ir-relazzjonijiet sesswali huma mpinġija biss bħala għajn ta' pjaċir; għax l-imħabba kasta hi mogħtija l-ġenb; għax l-imħabba bħala mixja bejn żewġ persuni li 'l quddiem jingħataw lil xulxin fiż-żwieġ tħalliet għal kollox barra.

Tafu kif jiddefinixxi "is-saħħa sesswali" dan il-librett? "Hi l-abilita' li tgawdi attività sesswali ta' l-għażla tiegħek mingħajr ma tbati jew tikkaġuna ħsara, kemm fiżika kif ukoll mentali/emozzjonali". Neħħi l-vjolenza mis-sesswalità u l-bqija għamel li trid! U min ser jiggarantixxi li sesswalità użata ħażin u barra minn postha hix ser tikkaġuna ħsara fil-futur?

Imma għax waqajna f'kultura daqshekk baxxa li nirriduċu s-sesswalità għal tgawdija u pjaċir? Possibbli ma jirnexxielna nilmħu ebda aspett ieħor fis-sess u fis-sesswalità? Il-Knisja għandha bżonn ta' erba' ġenituri li bla mistħija jgħidu liż-żgħażagħ tagħna xi tfisser relazzjoni bejn tnejn, xi tfisser għerusija, xi tfisser imħabba u xi tfisser sesswalita'.

## JIENA VERU NEMMEM F'ALLA?

Fil-Pastorali tar-Randan ta' din is-sena, l-Isqfijiet tagħna jagħmlulna mistoqsija mportanti: "Jiena Veru Nemmen f'Alla?" u biex jgħinuna nwieġbu din il-mistoqsija l-Isqfijiet isemmulna, li barra mill-ħafna tajjeb li għandna, hemm ukoll xi dnubiet li huma komuni fostna. Dawn huma l-piki minħabba l-politika jew festi fil-parroċċi, kif ukoll minħabba l-wirt jew akkwisti materjali oħra. L-Isqfijiet isemmu wkoll is-sintomi ta' ħsara li hawn fostna, bħal per eżempju, il-bejgħ mid-droga, prostituzzjoni, qligħ esaġerat użura, serq f'kull forma (benefiċċji soċjali, taxxa u assikurazzjoni), kif ukoll korruzjoni. Ta' min jistaqsi: x'ser nagħmlu biex nibdew nemmnu f'Alla tassew?

## MONOPOLJI ... FIL-KNISJA?

Tgħid jeżistu dawn? Mhux qed ngħidu għat-tagħlim tal-Knisja, fejn jidħlu d-dommi u l-morali, għax dawk sagrosant, imma għal xi wħud li jistgħu jaħsbu li jafu kollox u aħjar mill-oħrajn. It-Taljani għandhom kanzunetta li tgħid hekk: "Questa e' casa mia, e qui comando io". Ma jidhirlix li tinsab f'xi wieħed mill-erba' vanġeli!

## L-ISTORJA TAT-TALENTI

Il-parabbola tat-talenti tiftakruha żgur. Lil wieħed tah ħamsa, lil ieħor tnejn... U tiftakru wkoll kif tintemm il-ġrajja. Lili ġrali bil-maqlub. Kelli talent wieħed u mort inħaddmu. Meta mort fejn is-sid biex nurih kemm qlajt, ħadha miegħi u qalli biex it-talent inħallih mirdum. Qalli: ħallih fejn hu, u tinkwetanix!

## AĦJAR MA TIMRAD XEJN!



Kelli bżonn inġib speċjalista d-dar biex jara lil missieri. Tkellimt ma' spiżjar u għamilli appuntament biex inġib speċjalista Malti. Wara nofs ta' nhar jaqdi n-nies fl-ispiżerija, ġie f'dari flimkien ma' tabib ieħor li kien jakkumpanjah. Żjara ta' madwar nofs siegħa. Meta ġejt biex inħallsu talabni Lm30 għalih u Lm4 oħra għat-tabib. Ngħidilkom is-sewwa nħsadt ftit. F'qalbi għidt: kemm daħħal flus f'nofs ta' nhar jaqdi n-nies Għawdxin?

## TERRAPIEN... GĦALL-BEJGĦ

Qalulna li fit-triq li mir-Rabat tieħu għax-Xagħra, qrib waħda mir-*roundabouts* mimlija ward kulurit, sewwa sew quddiem il-borehole Ħamet II, hemm persuna li qed titfa' ħafna terrapien f'art pubblika li (suppost!) isservi ta' wied għall-ilma tax-xita. Kull tant u tant dan it-tali jerġa' jmur jimla t-terrapien u jbiegħu. Meta kellimna lill-Kunsill konċernat qalilna li ma jista' jagħmel xejn. Ħasra li nħallu l-ambjent jinqered hekk. Wieħed mid-dnub tagħna li semmew l-isqfijiet fil-Pastorali tar-Randan kien il-ħsara lill-ambjent. Jekk dan it-tali għandu bżonn spazju biex ikompli jaħdem, ma jistax jingħatalu x'imkien ieħor aħjar?

## IKERRHU L-AMBJENT

Tieħu gost bħalissa tmur għal xi passiġġata fil-kampanja. Tara l-widien mimlija ilma, ħaxix aħdar kullimkien, il-kuluri tan-natura: b'dan kollu u ferm iżjed hi mogħnija l-gżira tagħna. Imma kull tant u tant tiltaqa' ma' oġġetti li jistonaw, bħal karozzi u trakkijiet mormija f'xi għalqa, xi friġġ, gods ħmieġ mormi minn xi dar, u tant affarijiet oħra. Ibdew agħtu xi multa għal dawn l-abbużi u taraw kif jieqfu. Imma, fl-istess ħin, ipprovdu postijiet fejn ċertu skart li ma jinħaraqx bin-nar ikun jista' jintefa'.

## OSTAKLU U PERIKLU

Fit-toroq biswit diversi *showrooms* tal-karozzi qed jitpoġġew numru kbir ta' karozzi mingħajr *plate number*. L-istess sitwazzjoni ssibha fejn diversi garaxxijiet ta' mekkaniks. Barra l-kruha estetika u l-ħmieġ li joħolqu, dawn qed ikunu ta' periklu kbir għat-traffiku. Il-pulizija tal-muturi ma jistgħux iduru dawra u jivverifikaw jekk hemmx xi abbużi f'dan ir-rigward?

U jagħmlu sewwa l-istess pulizija kieku kull tant u tant jittawlu ħdejn is-seminarju. Issa hemm min ħa drawwa li jipparkja l-karozza jew saħansitra t-trakk quddiem il-ħanut ta' l-antikitajiet. Allaħares jinqala inċident serju! Tgħid dan ix-xogħol ser jibdew jagħmlu il-*wardens* li nħatru dan l-aħħar?

## IŻ-ŻEJT MAĦRUQ TAL-KAROZZI

Smajna diversi drabi fuq il-problema ta' l-iskart u tal-miżbliet. Qatt ma smajna x'jiġri miż-żejt tal-karozzi, batteriji u materjal ieħor simili meta dawn jinbidlu. Fejn jintremew?

## IKEL SKADUT

Bħal kull persuna oħra, spiss immur nagħmel xi xirja. Minbarra l-prezz, qed nitgħallem inħares lejn l-*expiry date* tal-prodotti għax ġrali kemm-il darba li xtrajt materjal skadut. Veru li nista' noqgħod aktar attent, u veru wkoll li nista' nirritorna l-oġġett lil sid il-ħanut (jekk ma nindunax xi erbat ijiem wara!); imma għax għandhom jitpoġġew oġġetti ta' l-ikel skaduti fuq l-ixkafef tal-ħwienet? Tgħid hemm xi kunsinna merfugħa x'imkien li qed jippruvaw ibiegħuha ftit ftit?

## IL-KUMPLESS SPORTIV TAS-SEMINARJU

Fit-2 ta' Marzu li għadda kien inawgurat uffiċċjalment minn Mons. Isqof il-Kumpless Sportiv tas-Seminarju, opra verament kbira għad-djoċesi tagħna. F'dawn l-aħħar snin il-Knisja qed tifhem u tapprezza aktar l-importanza ta' l-isport u l-funzjoni pedagoġika tiegħu, anke fil-pastorali tagħha. Bi ftit għaqal naħseb li l-użu ta' dan il-Kumpless Sportiv jista' jservi bħala proposta alternattiva għall-ħafna privat li għalih qed nobbligaw lil uliedna anke fil-jum tas-Sibt.

## GĦOTJIET LILL-NGO's

Innutajna li din is-sena l-Ministeru għal Għawdex qagħad aktar attent biex ma jagħtix flus lil min ma jaqax taħt il-kategorija ta' NGO. U għamel sewwa. Min kien preżenti għall-għotjiet qalilna li fost tant ismijiet ta' tant għaqdiet ta' volontarjat kien hemm xi erba' għaqdiet li ma setax jifhem taħt liema kriterji waqgħu biex ibbenefikaw minn din l-għajnuna. Per eżempju, il-klabbs tal-futbol: nifhem li għandhom ħafna spejjeż għax f'dawn l-aħħar snin bdew iħallsu l-belli liri għall-barranin u għall-plejers Għawdxin ukoll. Imma dawn irid jagħmel tajjeb għalihom il-Gvern ukoll? Għax f'dak il-każ naraw jekk nistgħux nirċievu xi għajnuna biex inħallsu l-ispejjeż żejda tal-istampar tar-rivista tagħna!




*Dun Eddie Zammit jintervista lil **Anton u Maria Ellis** dwar il-ġrajja ta' binthom Dorthese li mietet dan l-aħħar wara diversi snin ta' kura fl-Ingilterra. Fix-xhur li ġejjin, fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex se tibda tingħata l-kura għal pazjenti bl-istess diffikultajiet bħal dawk ta' Dorthese. B'hekk se sseħħ waħda mill-ħolmiet tagħha.*

***X'tifkiriet għandkom tat-tfulija ta' Dorthese, x'ħolm kellkom għaliha, x'ħassejtu meta twieldet Dorthese, xi xtaqtu għal Dorthese meta tikber?***

Meta l-Mulej tana x-xorti li wara l-tarbija li kienet tifel (Richard), għoġbu jagħtina tarbija oħra li kienet Dorthese, ħassejna ferħ kbir, l-ewwelnett u fuq kollox talli Alla tana tarbija f'saħħitha u sabiħa, u t-tieni nett għax kienet tifla. Bħal kwalunkwe ġenituri oħra li jħobbu lil uliedhom, kellna ħafna u ħafna ħolm sabiħ għal Dorthese tagħna u xtaqna li nedukawha kemm nistgħu biex meta tikber tieħu xi professjoni. Imma sfortunatament minn dan ma seħħ xejn.

***Meta ndunajtu bl-ewwel sinjali tal-marda ta' Dorthese x'kienet ir-reazzjoni tagħkom u tagħha?***

Ovvjament, aħna ħadna xokk kbir u lanqas ridna nemmnu kemm kienet gravi l-marda tagħha, għax dejjem ħsibna li l-kliewi ma kenux daqshekk gravi, u meta bdejna mmorru għand l-aqwa konsulenti ta' Malta, kollha qalulna li ma setgħu jagħmlu xejn għax f'Malta ma kienx hawn il-kura għall-marda tagħha. Minn dak in-nhar stess bdejna mmorrru nieħdu opinjoni oħra l-Ingilterra fejn qalulna li billi t-treatment jieħu tul ta' żmien irridu mmorru ngħixu Londra. B'hekk kellna nippakkjaw il-bagalji u nemigraw lejn Londra.

***Kif sibtuha li kellhom tibdew ħajja ġdida? X'għajnuna sibtu minn ħbieb u minn persuni oħra li ltqajtu magħhom?***

Lil Dorthese kellna nsefruha bilfors għax kif għidna, qabel, Renal Failure ġo Malta u iżjed u iżjed ġo Għawdex ma kienx hemm. Kura għall-marda dak iż-żmien kienet tinsab biss fl-Ingilterra. Dan il-pajjiż kien għamel progress kbir f'din il-kura. Li tmur tgħix f'art barranija diġà hija ħaġa diffiċli imma bħala familja nisranija tlabna 'l Alla Missierna biex jgħinna fid-diffikultajiet li Hu stess għoġbu jibgħatilna u jgħinna biex naċċettaw is-salib bil-ferħa u għinna ħafna biex nerfgħuh għax barra li morna ngħixu f'art barranija, ħallejna n-negozju li kien fl-aħjar tiegħu. Imma l-aktar ħaġa diffiċli għalina kienet li ħallejna l-uniku tifel tagħna ta' erbatax-il sena warajna. Xħin morna Londra, għall-ewwel konna noqogħdu mas-sorijiet sakemm nissetiljaw. Ridna nsibu fejn noqogħdu, inħallsu l-kura tat-tifla għax il-kura tal-kliewi ma kenitx sponsorjata mill-gvern u dan kien jirrikjedi flejjes kbar. Però bl-għajnuna t'Alla u bit-tħabrik tagħna u bl-għajnuna ta' xi ħbieb minn Għawdex sibna xogħol u b'hekk aktar stajna ngħinu fil-kura tagħha u ftit ftit bdejna nissetiljaw.

***Kif adattat ruħha Dorthese għall-ħajja l-ġdida barra minn pajjiżna? Kif kienet imqassma l-ħajja ta' Dorthese? Kif tiddeskrivi l-karattru tagħha? Kif kienet tħares lejn id-diffikultajiet ta' ħajjitha? X'ħolm kellha għall-futur?***

Dorthese kienet tfajla mimlija bid-doni u bil-grazzja ta' Alla u dejjem aċċettat il-

ħajja bit-tbissima ħelwa għax għalkemm ħalliet warajha lil ħuha, lil ħbiebha ta' l-iskola, in-nanniet, iz-zijiet u l-familjari kollha tagħha u Londra ma kellha lil ħadd, Dorthese kienet dejjem ferħana u tidħak u titfa' ferħ kbir lil kull min kien jafha u jkun magħha. Meta kienet għadha f'saħħitha u għamlet ħbieb man-nurses u l-pazjenti, kienet tkun tistenna l-hin biex tmur l-isptar, għax dawk saru l-ħbieb tagħha. Dejjem kienet tgħin lin-nurses u tippreparalhom il-magni għall-pazjenti bħalha u saħansitra kienet tipprepara lilha nfisha hi stess, jiġifieri ddaħħal il-labar tal-pajpijiet hi stess u xħin teħles tispiċċa weħidha biex tiffranka x-xogħol lin-nurses għax dejjem kienet tixtieq li tgħin. Però dawn l-aħħar tliet snin minħabba raġunijiet ta' saħħa u kuraġġ, ma baqgħetx tagħmel dan, iżda ma kenitx tgerger u kull darba li t-tabib, nurse jew xi ħadd jistaqsiha kif inhi, dejjem u sa l-aħħar kwarta ta' qabel il-mewt irrispondiet: "*I am OK*".

Għall-futur Dorthese kellha ħafna ħolm sabiħ. Il-ħolma prinċipali kienet li jinħolqu faċilitajiet ta' Renal Unit f'Għawdex u fil-fatt kienet bdiet billi kitbet kanzunetta li jisimha "*Someone special is looking after you*". Iżda sforz il-mard li kellha ma rnexxilhiex tiżviluppaha. Kienet ukoll iġġiegħel lilna biex kull ġimgħa nixtrulha żewġ biljetti tal-lotterija bil-ħsieb li jekk tirbaħ tużahom kollha għall-unit. Imma sfortunament dan ma rnexxilhiex.

### *Minkejja dawn is-snin kollha barra minn Malta, xorta bqajtu marbutin ma' Għawdex? Dorthese kienet miġbuda lejn Ghawdex? Ġieli kienet toħlom li għad tiġi tgħix għal dejjem Għawdex?*

Lilna ma għandekx għalfejn tistaqsina għax il-proverbju jgħid "Miskina dik it-tajra li titrabba f'post ħażin". Fortunatament aħna twelidna fi gżira żgħira li għalina qisha l-ġenna fl-art u ma nibdluha ma' l-ebda art oħra. Qalb Dorthese dejjem kienet marburta ma' Għawdex, iżda minħabba n-nuqqas ta' faċilitajiet għall-marda li kellha, Għawdex ma setgħetx toqgħod, u l-ħolma qatt ma saret realtà.

### *Kif għaddiethom l-aħħar snin Dorthese u kif għextu l-aħħar mumenti tagħha?*

L-aħħar snin ta' Dorthese għaddiethom b'ħafna tbatijiet. Il-*machine* kienet qegħda tgħejjiha ħafna u ma kenitx għadha tiflaħ allura konna mmorru magħha l-isptar u nibqgħu hemm biex nagħtuha support morali għax biex isibulha l-vina ġie li taqqbuha ħafna drabi. Ilu xi sentejn kellha *heart attack* u qalbha ddeterjorat u beżgħu ħafna jagħmlulha operazzjoni u jekk ma jirranġawlhiex qalbha, transplant tal-kliewi ma setgħetx issir. Barra minn dan, f'għajnejha kellha marda li jisimha "Retina Pigmentosa". Din il-marda m'hawnx fejqan għaliha, u jibdew imutu l-*white cells* li ma jerġgħux jitrabbew. B'riżultat ta' dan il-vista kienet ingħalqet sa *four inches*.

Meta t-tobba qalulna li waslet fl-aħħar jiem ta' ħajjitha, dak kien l-akbar turment li wieħed jista' jġarrab, imma bit-talb u l-għajnuna t'Alla l-imbierek, ippruvajna naċċettaw u lil Missierna ngħidulu flimkien "Grazzi Sinjur Alla, talli tajtna lil Dorthese biex ingawduha għal 35 sena imma aħna ta' nsara li aħna nafu li għalkemm tajtna lil Dorthese, dik mhix tagħna, imma għadha tiegħek, slifthielna, issa tkun magħmula l-volonta' tiegħek u jekk inti tridha, nerġgħu nagħtuhielek lura biss jekk jogħġbok agħmel li jkollha mewta sabiħa u trankwilla u tħallihiex tbati u lilna kkonslana.

L-aħħar mumenti ta' ħajjitha, għalkemm għalina l-bnedmin kienet diffiċli immens biex tinfired mill-għażiża bintek speċjalment meta t-tobba qalulna li ma jistgħux ikomplu jikkurawha għax ġo ġisimha ma kienx baqgħalha fejn jagħmlulha labra oħra u nerġa' ngħid kienet diffiċli ħafna meta tkun tistenna u tara lil bintek tmut meta hi kienet għadha f'sessiha tidħaddet u tiċċajta magħna. Pero' kienu l-iktar jiem qaddisa li l-bniedem jista' jġarrab fid-dinja għax hemmhekk indunajna xi tfisser verament il-fidi f'Alla għax uriena biċ-ċar kemm semagħna u qiegħed magħna u jgħin lil Dorthese u jistedinha biex tmur għandu. Għalkemm hi ma kenitx taf bil-kundizzjoni tagħha, dejjem kienet tinsab kuntenta u fl-aħħar tliet ijiem ta' ħajjitha li kienu d-





19,20 u 21 ta' Novembru kellha tliet viżjonijiet sbieħ ħafna.

***Dorthese issa daħlet fit-tgawdija ta' dejjem, però madwarna u f'Għawdex stess għandna min hu għaddej mill-istess mard u diffikultajiet li għaddiet minnhom Dorthese. Dorthese kellha ħolma għal dawn in-nies. Issa din saret realtà ukoll il-ħolma tagħkom b'tifkira ta' Dorthese. X'inhi din il-ħolma? Kif nistgħu ngħinu biex issir realtà?***

Il-ħolma ta' Dorthese kienet u għadha li ħutna l-Għawdxin ikollhom iżjed faċilitajiet għall-mard tal-kliewi. Imsieken, ħutna l-Għawdxin jifilħu jew ma jifilħux, bnazzi u maltemp, ikollhom bilfors jivvjaġġaw tliet darbiet fil-ġimgħa għall-kura ġewwa Malta u għalhekk nixtiequ li l-ħolma ta' Dorthese isseħħ. Għalhekk iddeċidejna li noħolqu fundazzjoni li semmejnieha "Dorthese Ellis Renal Unit Fund" bl-account Number 714 198 114 fl-HSBC, u li diġa' għandna rispons sabiħ ħafna għax in-nies huma ġenerużi ħafna, u dan għamlilna kuraġġ kbir biex inkomplu u nkabbru dan il-proġett għal ħutna l-Għawdxin u bil-fondi nkunu nistgħu ngħinu r-Renal Unit il-ġdid li ser jinfetaħ ġewwa Għawdex u b'hekk il-ħolma ta' Dorthese issir realtà.



BARGATE BOOKSHOP
VICTORIA - GOZO

For all your stationery needs...

George Borg Olivier Str., Victoria
(Opposite Bellusa Tyres)
Tel: 558 645

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 560331

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 84

Riċerka ta' Joseph Bezzina

©2000

# IL-LAMPIER QUDDIEM "*DE SOLIDAD*"

L-erbgħa u tmenin dokument li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar għotja ta' flus lis-sagristani tal-Matriċi għall-mixegħla tal-lampier quddiem il-Madonna ta' Soledad, għotja magħmula nhar it-30 ta' April, 1700 — tliet mit sena ilu. Tinsab reġistrata fit-tmien volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1699–1700), folju 26v (NAG, UG, *Acta*, 8/1699-1700, f. 26v).

Il-kappella ta' l-Imqaddsa Marija ta' Soledad hi l-ħames kappella fin-navata tat-tramuntana tal-Knisja Katidrali. Fil-Matriċi l-qadima kienet il-kappella tal-familja Castelletta, tant li l-qabar tal-familja għadu jidher fil-post. Daż-żmien il-kappella hi magħrufa bħala l-kappella tas-Sagrament.

Il-Madonna ta' Soledad jew tas-Seba' Duluri, imsejħa minn xi nies bħala tas-Solitudni hi devozzjoni li tinsab fl-aqwa tagħha fil-belt ta' Seville, Spanja. Id-devozzjoni daħħalha hawn Għawdex il-Gvernatur Fra Francesco Salinas, Kastilljan, meta kien gvernatur (1647–1649). Francesco Salinas qala' wkoll mingħand il-Granmastru Paolo Lascaris il-grazzja biex l-Universitas, il-Gvern ta' Għawdex, toħroġ il-flus għaż-żejt għax-xegħil ta' żewġ lampieri. Din il-konċessjoni hi reġistrata fl-atti ta' l-istess Universitas u ngħatat bl-awtorizazzjoni tal-Gran Mastru, taħt il-firma tas-Siniskalk Demandolx, nhar l-24 ta' Settembru, 1649.

Sal-lum, jekk tidħol fil-Kappella tas-Sagrament fil-Katidral, hemm brazz bi tliet lampieri mdendlin miegħu. Tan-nofs hu l-lampier tas-Sagrament; it-tnejn l-oħra huma dawk marbuta mad-donazzjoni li qegħdin nsemmu fid-dokument li qegħdin nippubblikaw.

Din li ġejja hi traskrizzjoni ta' dan id-dokument:

**Pro oleo lampadis sacelli Divae Mariae della Soledad.**

**Michele Hagius Tesoriero di quest'Università del Gozo pagarete alli sacerdoti Don Giuseppe Farrugia e Don Giovanni Andrea Grima sacrestani della Vneranda Matrice e Collegiata Chiesa di dett'Isola scudi otto, tarì undici, e grani dieci setti di moneta; se li devono per prezzo di tre cento e settanta misure d'oglio comprate parte a grani cinque e piccioli quattro e parte a grani sei e piccioli due la misura consumate nella lampada della capella di Nostra Signora della Soledad eretta in detta Chiesa; dal primo maggio primo passato sino l'ultimo istante di che tirando usare cuatela ponerete a correnti li 30 et ultimo aprile 1700.**

Dan id-dokument hu ta' interess għax isemmi l-erba' denominazzjonijiet ta' flus użati Malta dik il-ħabta: skut, irbiegħi, ħabba, u dinier.

Iż-żewġ sagristani tal-Matriċi Dun Ġużepp Farrugia u Dun ĠannIndrì Grima rċivew is-somma konsiderevoli ta' tmien skuti, ħdax irbiegħi, u sbatax-il ħabba. Irċivewhom għax-xiri ta' 370 miżura jew kejliet ta' żejt li kienu



għamlu bejn mill-1 ta' Mejju, 1699, sat-30 ta' April, 1700. L-iżgħar kejl jew miżura taż-żejt kien it-terz (li jiġi sewwa sew madwar terz ta' litru); żewġ terzi kienu nofs; żewġ infas kienu kartoċċ; u erba' krateċ kienu jagħmlu kwarta, l-ikbar kejl taż-żejt. Id-dokument mhux ċar għal liema kejl minn dawn l-erbgħa qiegħed jirreferi.

Il-prezz taż-żejt kien ivarja minn żmien għall-ieħor. Parti miż-żejt kienet inxtrat ħames ħabbiet u erba' dwiener il-miżura; waqt li parti oħra inxtrat ogħla, sitt ħabbiet u żewġt' idwiener il-miżura.

Għalkemm, kif għidna, ma nafux għal liema kejl hi r-riferenza, hi ħaġa ċara li nxtrat kwantità kbira ta' żejt. Iż-żewġ lampieri quddiem il-Madonna ta' Soledad kienu jinżammu mixgħula erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.





drawwiet missirijietna

Anton F. Attard

# IR-RANDAN TA' DARI U L-FESTI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

It-Tlieta, l-aħħar jum tal-Karnival. Iż-żeffiena Għawdxin tal-Kumittiva fl-aħħar żifniet tagħhom, jilbsu l-iswed bħala vistu, għaliex il-jiem brijużi tal-Karnival ikunu waslu fi tmiemhom. It-tokki tqal u meqjusa tal-knejjes parrokkjali jħabbru li l-għada huwa jum is-sawm u l-astinenza - Ras ir-Randan, il-bidu ta' 40 jum ta' tgħakkis tal-ġisem. Illum il-ġurnata ftit jafu b'dawn it-tokki li jħabbru jum is-sawm. Għaliex dari, minbarra r-Randan kien hemm ukoll il-kwattru tempri, tlett ijjiem sawm u astinenza f'kull staġun tas-sena - l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt. Kien hemm ukoll il-Vġejjel Kmandati, jiġifieri lejlet xi festi kbar tal-Knisja - il-Milied, Għid il-Ħamsin, Santa Marija Assunta u l-Qaddisin Kollha. It-tfal ta' llum lanqas biss jafu li t-tokki tal-qniepen tal-knejjes iħabbru jum is-sawm minn fil-għaxija, aħseb u ara kemm jifhmu dan is-sinjal.

Ras ir-Randan, il-bidu tal-jiem tas-sawm u ta' l-astinenza. Tissejjaħ ukoll l-Erbgħa tar-Rmied għaliex waqt il-quddiesa solenni f'dan il-jum issir iċ-ċerimonja tar-rmied, il-qassis iroxx l-irmied fuq l-irjus tal-fidili fil-waqt li jgħid il-kliem ta' l-Iskrittura: Ftakar li trab kont u trab terġa' ssir. Dan l-irmied isir billi jinħaraq il-weraq tal-palm u taż-żebbuġ imbierek minn ta' Ħadd il-Palm tas-sena ta' qabel.

Sawm u astinenza, x'ifissru sewwa dawn il-kelmiet? Sawm tfisser li wieħed jiekol verament bil-qies u ħafif. Mill-bqija ma jista' jmiss xejn. Dari s-sawm kien rigoruż ħafna, tista' tgħid ħobż u ilma, u dan fil-ħin ta' l-ikel biss. Astinenza tfisser li wieħed ma jistax jiekol il-laħam ta' annimali demmhom sħun: jiġifieri mammiferi bħal baqar, majjali, fniek, u tjur u għasafar bħat-tiġieġ, bċieċen, papri u dundjani. Il-laħam ta' annimali demmhom kiesaħ bħall-ħut u r-rettili seta' jitiekel u ma jiksirx l-astinenza. Bħala ħut nistgħu nsemmu l-vopi, sawrell, sardin u nċova. Ir-rettili li laħamha l-aktar li jittiekel fi żmien ir-Randan hija l-fekruna tal-baħar. Hawnhekk ta' min ifakkar li dari l-Għawdxin (u naturalment anki l-Maltin) kienu jsumu l-ġranet kollha tar-Randan minbarra l-Ħdud u l-Festi Kmandati. Is-sawma kienet tkun magru strett, jiġifieri la laħam u lanqas prodotti ġejjin mil-laħam bħal bajd u ħalib u lattiċini, jiġifieri prodotti tal-ħalib. Fl-antik kien hawn ukoll id-drawwa li jiżnu l-ħobż biex żgur ma jiksrux is-sawm għax jieklu xi ftit żejjed. Wara l-ikel, jiġifieri min-nofs in-nhar sa fil-għaxija, ma kienu jmissu xejn ma' ħalqhom u għandhom xorti kienu jbillu griżmejhom bi ftit ilma. Imma n-nies tax-xogħol kienu jieħdu xi ftit te' jew kafe' b'xejn.

L-irwejjaħ ta' l-ikel kienu jdejqu fir-Randan. Għalhekk ħafna kienu dawk li ma kinux isajru. Kien hawn id-drawwa li f'Ras ir-Randan in-nisa tad-dar jaqilbu l-borma rasha 'l isfel, jiġifieri f'dan iż-żmien m'hemmx iżjed tisjir. Imma, minkejja din ir-rigorożita' kollha dari fir-Randan kien hawn drawwiet li min jiftakarhom żgur li taqbdu nostalġija għal dawk iż-żminijiet.

Il-ftajjar ta' l-inċova jew tas-sardin kienu speċjalita' ta' żmien ir-Randan f'Għawdex, l-aktar fil-għaxija. Il-prezzijiet ma kinux l-istess. Skond id-daqs tal-ftira jew jekk ikunx fiha inċova jew le kien ikun il-prezz: tliet ħabbiet, sitt ħabbiet, sold u żewġ soldi...illum jissarrfu kollox bil-milleżmi... Dawk kienu żminijiet oħra. L-istuffat tal-fekruna kien ukoll ikla tradizzjonali ta' żmien ir-Randan f'Għawdex. Dan l-ikel wieħed kien jista' jixtrih mill-ħwienet ta' madwar is-suq u t-tokk tar-Rabat ta' Għawdex. Platt stuffat tal-fekruna kien verament ikla tajba għal dawk iż-żminijiet meta wieħed iqis illi l-laħam tal-fekruna tal-baħar huwa laħam verament rikk fil-proteini.

Ir-Randan huwa żmien ta' penitenza. Fil-Kattidral kienu jinħarġu l-istatwa tal-passjoni, waħda kull Ġimgħa: Ta' l-Orazzjoni fl-Ort, tal-Kolonna, tal-Porpra u ta' l-Imgħobbi, lebsin ilbies tas-satin. Dawn l-istatwi kienu jinħarġu biex hekk ikunu esposti għall-qima tal-pubbliku.

Ir-Randan huwa wkoll żmien il-pelligrinaġġi ta' penitenza, żmien l-eżerċizzi u żmien il-Via Sagra. Il-pelligrinaġġi kienu jmorru f'xi santwarji tal-Madonna bħas-Santwarju tal-Qala, tal-Patroċinju, l-Għasri u ta' Pinu. Il-Via Sagra kienet issir fil-knejjes kollha, iżda r-Rabat, Għawdex, kien hemm knisja ċkejkna li kienet magħrufa għal din ix-xorta



ta' qima. Din kienet il-knisja ċkejkna li kien hemm fis-Suq dedikata lil San Ġużepp u magħrufa bħala San Ġużepp tas-Suq. Meta wieħed kien jidħol fiha, kien iħossu qisu mar lura fiż-żmien, f'Għawdex ta' l-imgħoddi, meta l-poplu kien aktar twajjeb u reliġjuż. B'xorti ħażina din il-knisja ċkejkna u storika tlifnieha minħabba li kellha titwaqqa' biex titwessa' l-pjazza tal-knisja ta' San Ġorġ li tinsab fil-qrib.
L-aħħar żmien tar-Randan idaħħalna fil-Ġimgħa Mqaddsa. Jasal Ħadd Lazzru, Ħadd qabel Ħadd il-Palm: Ħadd il-Passjoni, meta kienu jgħattu l-inkwadri bi drapp vjola, l-inkwadri kollha minbarra tal-Via Sagra, għaliex aktar ma toqrob il-Ġimgħa l-Kbira, aktar tikber id-devozzjoni tal-Via Sagra.
Nhar il-Ġimgħa ta' qabel Ħadd il-Palm, jiġifieri tmint ijjiem qabel il-Ġimgħa l-Kbira taħbat il-festa tad-Duluri, festa devota. Dak in-nhar dari kienu jsumu ħobż u ilma, sawma msejħa s-Sawma tas-Seba' Bukkuni, bħalma tfakkarna din it-taqbila:

F'ġieh in-niket tad-Duluri,
loqma ħobż jaħasra 'tuni,
f'din is-sawma ħobż u ilma
għandi bżonn seba' bukkuni.

Dawk li kienu jsumu ħobż u ilma kienu jduru u jiġbru seba' bukkuni mingħand in-nies biex jumiljaw ruħhom, imbagħad, jieklu bukkun u l-oħrajn kienu jqassmuhom lill-fqar.
Il-festa tad-Duluri hija festa devota tabilħaqq għaliex saħansitra l-ħaddiema tal-partikular jew tal-privat ma jaħdmux. F'din il-festa tista' tgħid li fil-għaxija ssir il-purċissjoni li fiha jieħu sehem kulħadd. Il-purċissjoni tad-Duluri minbarra li ħafna nies jimxu ħafjin, f'ċerti parroċċi jieħdu sehem ukoll midinbin pubbliċi. Verament, Marija Addolorata hija l-Omm ta' kulħadd, għaliex Binha Ġesu' miet għal kulħadd, l-aktar għall-midinbin.
Fir-Rabat, Għawdex, din il-purċissjoni toħroġ mill-knisja żgħira ta' San Ġakbu, purċissjoni li tkun immexxija mill-Fratellanza tad-Duluri li membri tagħha nsibu l-ogħla u l-aqwa ċittadini tal-gżira Għawdxija.
Wara l-festa tad-Duluri jiġi Ħadd il-Palm jew Ħadd iż-Żebbuġ. F'dan il-jum issir il-Purċissjoni bil-weraq tal-Palm u ż-Żebbuġ imbierek, u fil-quddiesa jinqara l-Passju jew aħjar l-istorja tal-Passjoni. Dan il-weraq jużawh biex f'Sibt il-Għid u fi żminijiet oħra jbaħħru bih. Infatti l-irmied ta' Ras ir-Randan jew l-Erbgħa tar-Rmied isir ukoll minn dan il-weraq is-sena ta' qabel.
Ħadd il-Palm kien festa interessanti ħafna għat-tfal Għawdxin. Huma kienu jagħmlu ħafna għeliem tal-passjoni bil-weraq tal-palm: Salib, salib tal-Kavalieri mżejjen b'werqa żebbuġa, salib bis-sellum, bit-tnalja u bil-martell, kuruna, musmar, sellum, xabla, xi ċurkett u hekk.
Iż-żebbuġ imbierek nhar Ħadd il-Palm, minbarra t-tbaħħir kienu jużawh ukoll biex iqegħduh fil-pruwa ta' xi qoxra tal-baħar: xi lanċa, luzzu jew kajjikk; indendluh f'xi maqjel, u juħawh bħal asperġes meta jitfgħu l-ilma mbierek fuq xi ħadd qiegħed imut.
Wara l-festa tal-Għid il-Kbir, il-Fra tal-Kapuċċini kien joħroġ iqassam iż-żebbuġ imbierek l-aktar lil dawk in-nies li matul is-sena jkunu kkontribwew prodotti u flus liċ-ċirkatur tal-kunvent. Dari l-Fra tant kien iqassam friegħi taż-żebbuġ imbierek li kien ikollu joħroġ bil-karrettun tal-ħmara mgħobbi sa ruħ ommu.
F'San Ġorġ f'Ħadd il-Palm kienu joħorġu l-Vara l-Kbira u jpoġġuha fuq il-presbiterju ta' l-istess Knisja Parrokkjali għall-qima tal-pubbliku.
It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa jsir it-tqassim taż-żimarri u ta' l-egħliem tal-Passjoni lil dawk it-tfal li jkunu se jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Kien ikun hemm ukoll dawk li jerfgħu bandalori u fanali. L-irġiel jieħdu ħsieb il-forċini u biex jerfgħu l-istatwi.
Għall-purċissjoni tar-Rabat, li dari kienet toħroġ minn San Ġorġ, l-istatwi tal-Kolonna u tal-Porpra kienu jinġiebu mill-Katidral merfugħin fuq bradella b'żewġ fanali quddiem u, naturalment, b'qatgħa tfal jiġru madwarhom. L-irjus, l-idejn u s-saqajn ta' l-Orazzjoni fl-Ort u ta' l-Imgħobbi kienu jitniżżlu f'kaxxa.
L-istatwa tad-Duluri kienet tinġieb minn San Ġakbu. Fl-Erbgħa tat-Tniebri kienu jgħattu t-twieqi u b'hekk fil-knisja joħolqu atmosfera ta' dlam u ta' dwejjaq. Jithejja wkoll is-Sepulkru jew l-Altar tar-Ripożizzjoni fil-knejjes Sagramentali. Fir-Rabat, Għawdex, il-Viżti tas-Seba' Knejjes jistgħu jsiru f'seba' knejjes differenti għaliex hemm saħansitra aktar minn seba' knejjes Sagramentali.
Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, wara l-funzjoni, issir il-purċissjoni tal-Passjoni: fil-purċissjonijiet illum insibu ħafna gruppi ta' personaġġi bibliċi u nies iġorru l-ktajjen. Dawn ifakkruna meta l-ilsiera kienu jagħmlu wegħda li jkaxkru l-ktajjen tal-jasar fil-purċissjoni tal-Birgu. F'dan il-jum, il-qniepen ikunu ħiemda, u xi drabi jdoqqu ċ-ċuqlajta,
drawwa oħra li daħlet minn Malta.
Ir-Randan ta' dari, bil-festi tal-Ġimgħa l-Kbira, kien bil-wisq differenti mil-lum u kien żmien għażiż u żmien qaddis, kollu drawwiet ġejjin mill-qedem. Illum baqa' biss ismu u t-tifkiriet nostalġiċi tiegħu, almenu għal dawk li għadhom jiftakruhom. Għal x'uħud, minkejja li huma xjuħ, ir-Randan għadu dak ta' dari u josservawh bħalma kien jobbliga l-preċett ta' l-imgħoddi.

# Jinfetaħ il-Kumpless Sportiv tas-Seminarju



Nhar il-Ħamis, 2 ta'Marzu sar il-ftuħ uffiċċjali tal-Kumpless Sportiv tas-Seminarju. Iċ-ċerimonja kienet tinkludi diskorsi mill-protagonisti ewlenin ta' dan il-proġett, jiġifieri l-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi, Dun Effie Masini, surmast ta' l-iskola u Dun Karm Curmi, Segretarju Amministrattiv tad-Djoċesi ta' Għawdex.

Il-kelliema taw dettalji dwar id-diversi stadji fil-bini ta' dan il-kumpless sportiv. Ilkoll saħqu fuq l-importanza li l-isports għandu fuq l-iżvilupp tat-tfal u taż-żgħażagħ kuf ukoll fil-ħajja ta' kull membru tal-familja tal-lum. Dan il-proġett, li ġie msejjaħ il-proġett tal-millennju tal-Knisja Għawdxija, huwa xhieda li dak li fih temmen bis-sħiħ il-Knisja.

L-orkestra taħt it-tmexxija ta' Mro. Carmel Grech, allegrat is-serata bil-għajnuna tas-sopran Dorienne Portelli u tas-sopran Rosabelle Pavia, kif ukoll tal-mezzo-sopran Evelyn Grech.

L-istudenti tal-Form I tas-Seminarju, immexxijin minn Dun Ġiljan Refalo Rapa, taw display tal-ġinnastika. Ippreżenta l-programm Joe Louis Sciberras, għalliem fis-Seminarju.

Preżenti għal din iċ-ċerimonja kienu bosta personalitajiet distinti, fosthom l-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anton Tabone; il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono; il-Vigarju Ġenerali



Mons. Giovanni B. Gauci; ir-Rettur tas-Seminarju, Dun Anton Teuma; il-Perit Joseph Dimech u ibnu Paul; u l-imgħallem Toni Vella.

Ta' min jgħid li fl-ispazju lilhom assenjat, grawnd tal-futbol limitat fid-daqs fil-qalba tal-bini tas-Seminarju, il-perit u l-imgħallem esegwew b'suċċess din ir-responsabilta' afdata lilhom minkejja d-diffikultajiet li proġett bħal dan kien jorbot miegħu.





Il-Kumpless Sportiv tas-Seminarju ġie mibni biex ikun għas-servizz tal-istudenti tas-Seminarju, tas-Seminaristi u tal-pubbliku in ġenerali.


texprint

Silk Screen Printing on T-Shirts, Sweat Shirts, Sport and Fashion Wear, Napkins, Scarves, Caps and Banners

Joseph Vella

"Ebony", 73, Triq l-Universitas,
Victoria - Gozo
Tel: 560464

Manhattan Collection

għadu kemm wasltilu kunsinna ta' ħwejjeġ ġodda għal kull okkażjoni

✓ ilbiesi għat-tfal tal-griżma
✓ ilbiesi għall-ommijiet tat-tfal tal-preċett u tal-griżma
✓ ilbiesi għat-tiġijiet
✓ u ħafna okkażjonijiet oħra

10% off

Ċemplu fuq
Tel: 553433

issibuna ħdejn il-kappella taċ-Ċawla



# Pellegrinaġġ tas-Seminaristi f'Ruma fis-Sena tal-Ġublew

*Fi Frar li għadda, grupp ta' 22 seminarista Għawdxin flimkien mas-superjuri tagħhom, fosthom ir-Rettur Dun Anton Teuma, marru f'pellegrinaġġ f'Ruma fl-okkażjoni tas-Sena tal-Ġublew. Jirrakkonta s-Seminarista Daniel Borg.*



It-Tnejn 21 ta' Frar bdejna l-pellegrinaġġ tagħna f' Ruma. Dak inhar stess filgħaxija morna nżuru lil Dun Pawl Cardona, fil-knisja ġdida li qed jieħu ħsieb u ċċelebrajna l-Ewkaristija hemmhekk. Dun Pawl, saċerdot minn Sannat, hu kappillan u ilu Ruma għal dawn l-aħħar 23 sena. Laqagħna b' mod tassew sabiħ u dak inhar filgħaxija kilna hemm. Hemmhekk iltqajna ukoll ma' Dun Michael Said li qiegħed f' parroċċa oħra qrib.

L-għada bdejna l-mixja tagħna fuq il-passi ta' San Franġisk. Żorna l-belt ta' Assisi fejn hemmhekk morna ukoll fil-kappella ta' San Damjan.

L-Erbgħa, 23 ta' Frar, kellna programm tassew interessanti. Il-ġurnata bdiet billi morna fil-bażilika tal-Lateran, fejn hemmhekk, iltqajna ma' seminarista mis-seminarju Ruman li kien il-gwida tagħna fil-parti ta' filgħodu. Wara morna l-knisja ta' San Lawrenz. Dak inhar stess filgħodu morna fl-universita' Angelicum li magħha hu affiljat is-seminarju tagħna. Hemmhekk iltqajna ma' Fr. Joseph Agius li hu d-Dekan tal-fakultà tat-teoloġija ta' din l-università. Filgħaxija morna naraw il-katakombi ta' San Bastjan fejn iċċelebrajna l-Ewkaristija fil-kappella ta' San Fabjan. F' dawn il-katakombi kien jgħaddi ħafna ħin fit-talb, qaddis tassew maħbub f' Ruma: San Filippu Neri. Ħriġna mill-katakombi u tlaqna għall-bażilika ta' San Paolo fuori le mura fejn hemmhekk tlabna fuq il-qabar ta' San Pawl. Filgħaxija morna fil-parroċċa tan-Nativita' fejn hemmhekk laqagħna s-saċerdot mix-Xagħra Dun Joe Bajada li ilu għal dawn l-aħħar erba' snin f' din il-parroċċa.

### *Fuq il-passi ta' San Franġisk*

L-għada komplejna l-mixja tagħna fuq il-passi ta' San Franġisk. Infatti żorna Fonte Colombo, l-post fejn Franġisku kiteb ir-regola u għamel l-

operazzjoni f' għajnejh. Morna wkoll fi Greccio, fejn San Franġisk għamel l-ewwel presepju. Hemmhekk iċċelebrajna l-Ewkaristija. Ta' min jgħid ukoll li fil-kunvent ta' Greccio għex ukoll San Bonaventura. Dawn kienu żewġ mumenti sbieħ ħafna. Qabel tlaqna lura lejn Ruma morna La Foresta, li hu kunvent fejn San Frangisk kiteb il-Kantiku tal-Kreaturi u kif ukoll kien jgħaddi xi Quaresimi fit-talb u l-meditazzjoni. Illum hemm komunita' ta' persuni li qed jippruvaw jirkupraw mid-dipendenza tagħhom fuq id-drogi.

### *Mixja ma' l-ewwel Insara*

Il-Ġimgħa filgħodu ċċelebrajna l-Ewkaristija f'Santa Maria Maggiore fejn ingħaqad magħna l-Ġiżwita Fr. Edward Farrugia li kien il-gwida tagħna fil-parti ta' filgħodu. Infatti wara li tana spjega tal-bażilika, ħadna fuq itinerarju verament interessanti: il-mixja tal-ewwel insara għall-martirju tagħhom. Wara morna l-Vatikan biex naraw l-iskavi ta' San Pietru. Filgħaxija morna fil-parroċċa ta' Sant Injazju li tagħha hu kappillan Dun Ġużepp Attard, min-Nadur. Flimkien mal-komunita' parrokkjali, tlabna, kantajna u qsamna flimkien l-esperjenzi tagħna.



L-għada filgħodu flimkien ma' Dun Alfred Xuereb, qassis Għawdxi li jaħdem fil-Vatikan, iċċelebrajna l-Ewkaristija fuq il-qabar ta' San Pietru. Wara nofsinhar morna Frattocchie fejn iltqajna ma' Fra Ġorġ Grech, mir-Rabat, li qiegħed f' dan il-kunvent. Minn hemm tlaqna biex rajna l-kastelli Rumani u s-santwarju tad-Divino Amore. Filgħaxija mbagħad iltqajna ma' Dun Charles Buttiġieġ, mill-parroċċa tal-Qala, u s-seminarista Tonio Galea, mir-Rabat, (li bħalissa qiegħed jagħmel l-esperjenza tas-sena ntermedjarja) fil-parroċċa ta' Santa Luċija.

Il-Ħadd filgħodu żorna numru ta' Knejjes fosthom Santa Maria in Trastevere u Santa Maria in Cosmedin. Żorna wkoll is-sinagoga prinċipali ta' Ruma. Wara morna f' Santa Lucia in Mentana fejn Dun Eddie Vella, l-viċi rettur tagħna, kien viċi-parroku. Hemmhekk ħadna sehem fl-Ewkaristija u wkoll kellna laqgħa tassew sabiħa minn naħa tan-nies ta' din il-parroċċa. Filgħaxija żorna wkoll il-parroċċi ta' Dun Frankie Mallia, Dun Frans Refalo u Dun Daniel Xerri. Wara rritornajna Ruma u pparteċipajna fl-għasar mas-seminaristi tas-seminarju Ruman.

It-Tnejn 28 ta' Frar erġajna lura lejn Malta. Żgur li din għalina ma kinetx safra komuni imma okkażjoni biex nieħdu sehem b' mod aktar attiv fil-Ġublew f'din is-sena ta' Grazzja tal-Mulej.




*Apprezzament*

# MONS. ĠWANN GALEA

## 1910-2000



Mons. Ġwann Galea bin Ġużepp u Ġużeppa Galea, twieled ix-Xagħra nhar l-1 ta' Lulju 1910. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju t'Għawdex.

Nhar is-17 ta' Marzu 1934, irċieva l-Ordinazzjoni Saċerdotali minn idejn l-Isqof t'Għawdex Mons. Mikiel Gonzi. Dritt wara l-ordinazzjoni beda l-ħidma pastorali tiegħu fost it-tfal iltiema fl-Istitut ta' San Ġużepp f'Għajnsielem, missjoni li hu qeda b'imħabba u dedikazzjoni kbira.

Bejn l-1934 u l-1960, barra li kien jieħu ħsieb it-tfal iltiema, kien ukoll viċi-parroku fil-parroċċa t'Għajnsielem, fejn kien jgħaddi ħafna ħin jamministra s-sagrament tal-qrar. Għadda wkoll xi żmien jagħti s-sehem fl-istamperija tal-Knisja, illum il-"Gozo Press".

Bejn l-1961 u l-1991 kien rettur tal-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu. Minkejja li kien mgħobbi bis-snin, inxteħet b'ruħu u ġismu f'ħidma pastorali fl-inħawi tan-Nazzarenu fejn ifforma komunità magħquda u li titlob. Fetaħ il-bibien għall-friegħi tal-Azzjoni Kattolika u tal-Legion of Mary u aċċetta mill-qalb li jkun id-direttur spiritwali tagħhom. Ħa ħsieb il-knisja b'impenn u għen is-sorijiet fil-bżonnijiet kollha tagħhom, tar-ruħ u tal-ġisem.

Bħala kanoniku u teżorier tal-Kolleġġjata tax-Xagħra huwa dejjem ta s-sehem tiegħu f'dak li titlob din is-sejħa. Il-Knisja Għawdxija għarfet il-bżulija tiegħu u tagħtu l-ġieħ ta' Monsinjur Onorarju tal-Katidral.

Nhar il-Ħamis 24 ta' Frar fl-età ta' 89 sena, mar jiltaqa' mal-Ħallieq Divin, li lilu qeda bħala saċerdot għal 66 sena b'dedikazzjoni kbira. Il-funeral tiegħu sar is-Sibt 26 ta' Frar 2000 u ndifen fiċ-ċimiterju tal-parroċċa tax-Xagħra.

**Agħtih O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem**

*Dun Nazju Borg*

CARUANA & CINI
COMPANY LIMITED
40/41 Capuchins' Str. Victoria VCT 108 - Gozo
Tel: 551918, 564431, 564432 - Fax: 561638
Gozo Representatives for
ARISTON & Hotpoint
Appliances
5 year GUARANTEE

## Ir-Radju R.T.K. fuq l-*Internet*

**http://www. di-ve. com**

Fost il-programmi mtella' minn Għawdex, tistgħu tisimgħu il-programm "Il-kelma ta' l-Isqof", il-Ħamis fid-9.15 a.m.

## Il-Ħajja f'Għawdex

**http://www.gozodirect.com/ lumenchristi**

*Ibagħtu dawn l-indirizzi lill-emigranti tagħkom.*


## L-Aħjar Kotba għar-Randan tal-Ġublew 2000 mil-Lumen Christi Publications

1. **L-Imitazzjoni ta' Kristu** - Kempis (1996) Lm1.50
2. **Il-Mixja Spiritwali** - Scupoli (1999) Lm1.50
3. **Kristu - Ħajtu u Tagħlimu** - P. Sammut (1997) Lm3.50
4. **Il-Ġublew - x'inhu u għaliex** - Mons Salv Borg (1999) Lm1.50
5. **Nistrieħu fil-Mulej** - A. Sultana (1984) Lm1
6. **Ġawhar ta' San Ġwann tas-Salib** - A. Camilleri (1992) Lm1
7. **Pariri Spiritwali tal-Beatu Patri Piju** - A. Parente / R. Galea (1999) 50ċ
8. **Ma' Ġesù fit-Tbatija** (1 edizzjoni, 1998) Lm1.00
9. **F'Riġlejn Kristu Msallab** (3 edizzjoni, 1999) 25ċ.
10. **Fi Ħdan l-Addolorata** (3 edizzjoni, 1999) 25ċ.

**Dawn u kotba oħra tal-*Lumen Christi Publications* jistgħu jinkisbu mil-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u f'Għawdex.**



**Ristorante - Pizzeria**




MARSALFORN / GOZO TELEPHONE: 556918 MOBILE: 097 5159



**NAMASTE**

AUTHENTIC INDIAN CUISINE

Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo. Tel: 561619



**CCM COMPUTER CARE & MAINTENANCE**

SUPPLIERS OF : Computers, Computer Accessories, Printers, Fax Machines, Office Equipment.

We install - Give Security - Immediate Care

*And have competitive prices.*

Anthony Farrugia: N.B. Ewropa St., Victoria Gozo.
Tel/Fax. (356) 559525



**TAL-HWAWAR**

# Issa Tista' Tħawwar il-Borma bħal Dari

**Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-Ikel**

***14 - 15 Kerċem Road, Victoria, Gozo. Tel. 562160.***




# IL-FENIĊI (3)

## *L-Oqbra tal-Feniċi*

L-oqbra ta' żmien il-Feniċi kif ukoll ta' żmien Puniku kienu maqtugħa fil-blat. L-ewwel kienu jħaffru xaft u fit-tarf tiegħu kienu jnaqqxu kamra għad-dfin. Fl-istess oqbra ġew misjuba urni bi fdalijiet tal-kremazzjoni (il-ħruq tal-mejtin) biswit id-dfin. Dan juri li dawn iż-żewġ użanzi kienu prattikati fiż-żminijiet li qed insemmu.

l-oġġetti li kienu jitpoġġew fl-oqbra flimkien mal-mejjet normalment kienu jikkonsistu f'affarijiet sempliċi tal-fuħħar bi ftit jew xejn dekorazzjoni u tibdil mill-inqas fil-forom tagħhom. Imma bħal f'kollox dejjem ikun hemm l-eċċezzjoni, bħal fil-każ tas-sejba li saret f'Għar Barka (limiti tar-Rabat, Malta). F'dan il-qabar ġie misjub sarkofagu (tip ta' tebut) tal-fuħħar f'forma ta' bniedem flimkien ma' għadd ta' oġġetti prezzjużi tad-deheb u l-fidda. Minn qabar ieħor, did-darba f'Għajn Qajjet, fir-Rabat, Malta ukoll, inkixfet sejba nteressanti ħafna. Fost il-ħafna affarijiet li nstabu kien hemm għadd ġmielu ta' fuħħar ta' lewn ħamrani li kien ukoll illustrat. Dan il-lustru kien isir bl-għorik ta' l-idejn fis-sens li kien ikollhom xi biċċa newl imxappa fix-xaħam tal-annimali jew żejt u jogħrku l-fuħħar sa ma jillustra. Instabu wkoll: forma tal-bronż li kienet iżżomm torċa fiha , stil Ċipro-feniċju; żewġ vażuni Griegi, bieqja bil-figuri ta' għasafar impinġija fuqha, stil ta' Rodi, tas-seba' seklu qabel Kristu; u tazza fonda b'żewġ widniet stil protokorintju ta' l-aħħar kwart tat-tmien seklu qabel Kristu. Dawn l-oġġetti tal-aħħar huma mportanti biex minnhom jiġu datati l-oġġetti l-oħra li nstabu fil- qabar.



*Sarkofagu forma umana misjub f'qabar f'Għar Barka, limiti tar-Rabat, Malta. Żmien: il-bidu tal-ħames seklu q.K.. Materjal: fuħħar*



*Pittura u pjanta tal-binja Punika li tinsab fiż-Żurrieq kif kienet tidher fis-seklu tmintax. xogħol ta' Houel*

## *Bliet oħra*

Hemm evidenzi oħra li juru li kienu jeżistu żewġ ċentri oħra fejn kienu jgħammru dawn in-nies f'Malta; wieħed jinsab probabli fiż-żona tal-Port il-Kbir u l-ieħor fiż-Żurrieq. Tal-ewwel x'aktarx jikkorrispondi mal-belt ta' *Chersonesos* imsemmija minn Ptolemju. In-numru kbir ta' oqbra li nstabu f'dawn l-inħawi, f' Tal-Liedna u Tal-Ħorr (qrib Raħal Ġdid) u f'Għajn Dwieli (ħdejn Bormla) jistgħu jkunu ta' prova konkreta biżżejjed għall-eżistenza ta' din il-belt. Fil-ħarġa l-oħra semmejna li l-Feniċi kienu jidfnu 'l barra minn belthom.

Fiż-Żurrieq, f'parti minn kostruzzjoni ta' dar privata, għad hemm fdalijiet ta' bini ta' żmien il-Feniċi. Dan jikkonsisti f'ġebel ta' daqs kbir maqtugħ rettangulari u maħdum b'sengħa kbira u poġġut fuq xulxin mingħajr tajn, jixbaħ ħafna l-arkitettura Eġizzjana. Dan ifakkarna fil-kitba ta' Diodorus Siculus li kien kiteb li l-bini tal-Maltin kien wieħed b'saħħtu u li fih il-lavur fil-gwarniċun. Fis-seklu tmintax il-Franċiż Jean Houel pinġa u ddisinja pjanta ta' l-istess binja. Minn dan id-dokument jista' jiġi nnotat li l-bini f'dak iż-żmien kien għadu fi stat ta' konservazzjoni tajba ħafna. Fl-1909, din il-binja ġiet innutata minn Albert Mayr, arkeoloġist Ġermaniż, li kien ippublika dak li kien ra b'għajnejh flimkien ma' ritratt tal-arkitettura li kien fadal. Fl-1915, Thomas Ashby, mill-British School ta' Ruma, kiteb hekk dwar din il-binja: "..l-fdal tal-bini kien ta' qabel iż-żmien Ruman, x'aktarx dar tal-kampanja ta' żmien il-Feniċi."

Min naħa tiegħu d-Dipartiment tal-Mużewijiet ipprova jagħmel xi skavi biex joħroġ id-dati, iżda ma kienx hemm provi biżżejjed biex jagħmel dan. Imma l-mod kif hi mibnija u speċjalment il-lavur Eġizzjan fil-gwarniċun, huma ndikazzjonijiet ċari biżżejjed li x-xogħol sar minn bennejja ta' żmien Puniku. Dan it-tip ta' arkitettura b'influwenza qawwija Eġizzjana, kienet tinsab kważi f'kull struttura Feniċja-punika. Dan kien sar il-karatteristika tal-arti ta' dak iż-żmien, speċjalment fl-arkitettura tat-tempji tagħhom.

St. Joseph
Guest House
[Tal-Gaġġu]

Ikel bnin bi
prezzijiet moderati

Triq il-Kunċizzjoni,
QALA
Tel: 556573



# mill-ĠIMGĦA L-KBIRA

**Ċentru ta' l-Attenzjoni**

# is-salib

## mill-umiljazzjoni tas-salib ...

### *KRISTU GĦADU FUQ IS-SALIB*

- Il-Kalvarju ma hux xi ġrajja li għaddiet u spiċċat bħall-battalja ta' Waterloo, jew bħall-Assedju l-Kbir.
- Il-Passjoni mhix xi ħaġa li ġrat fl-imgħoddi biss imma qed tiġri wkoll illum.
- Kristu għadu fuq is-Salib.

**Aqraw din il-poeżija:**

*Kull darba li jsaltan is-skiet madwari*
*bil-lejl u bi nhar*
*inħossni xxukkjat nisma' għajta.*
*Dil-karba kienet ġejja minn fuq Salib.*
*L-ewwel darba li smajtha ħriġt infittex.*
*U sibt Raġel imsallab*
*jitkgħawweġ bl-uġigħ.*
*Jien għidtlu:*
*"Ippermettili nniżżlek minn fuq is-Salib."*
*U ppruvajt noħroġlu l-imsiemer.*
*Iżda hu qalli: "Ħallihom hemm.*
*Jien ma ninżilx minn hawn*
*sakemm kull raġel, mara, tifel, tifla*
*ma jingħaqdux ħaġa waħda*
*biex iniżżluni flimkien minn hawn."*
*U jien għidtlu:*
*"Ma niflaħx nisma' dik il-karba.*
*Għidli: xi tridni nagħmel għalik?"*
*Hu weġibni: "Mur mal-erbat irjieħ tad-dinja*
*u għid lil kull min tiltaqa' miegħu*
*li hemm RAĠEL IMSALLAB FUQ SALIB."*

(FULTON SHEEN, *Divine Romance*)

### Xi ġralu l-Iben t'Alla f'inqas minn 20 siegħa

*Mibjugħ minn ħabib,*
*Arrestat minn suldati armati bi bsaten u sjuf* (Mk 14,46)
*Abbandunat mill-Appostli*
*Miċħud minn Pietru,*
*Mogħti l-ewwel daqqa ta' ħarta* (Ġw 18,22),
*Beżqulu f'wiċċu,*
*Mogħti bil-ponn u bil-ħarta* (Mt 26,67),
*Iġġudikat minn Pilatu,*
*Mneżża u marbut minn idejh,*
*Ifflaġellat u ttorturat,*
*Is-suldati ddieħku bih; neżżgħuh, xeħtulu mantar; qegħdulu kuruna tax-xewk f'rasu; beżqu fuqu; tawh bil-qasba fuq rasu; għaddewh biż-żufjett* (Mt 27,27-30)
*Bejnu u bejn brigant, il-folla għażlet lil Barabba,*
*Mqiegħed għax-show quddiem folla tgħajjat "ħaqqu l-mewt",*
*Insulentat u kkundannat għall-mewt*
*Imsammar u minxur fuq salib*
*Mgħajjar u mżeblaħ,*
*Iħossu abbandunat mill-istess Missier,*
*Sfidat u ċċalinġjat fl-agunija tiegħu,*
*Imut fgat.*



**Kollox hu mitmum!**
Kristu issa jgħidilna:
**"INT QTILT LILI U JIEN INSALVAK."**
(Don ALESSANDRO PRONZATO, Via Crucis del peccatore)



# għall- GĦID IL-KBIR

Ħsibijiet miġbura minn A.C.M.

## għall-glorja tal-Qawmien

(Ġwanni Pawlu II, Sibt il-Għid, April 1982)

Ċentru ta' l-Attenzjoni

qabar vojt

## mill-mewt toħroġ il-ħajja

### Dan hu l-jum li għamel il-Mulej!

Messaġġ ta' l-Għid tal-Papa Ġwanni Pawlu II, 14 t'April 1983

*Il-Knisja kollha qed ixxandar l-aħbar ta' ferħ:*
***KRISTU QAM! BIL-QAWMIEN TIEGĦU QERED IL-MEWT TAGĦNA U SAWWAB IL-ĦAJJA TIEGĦU FINA*** *(Gaudium et spes, 22)*

*Jalla l-bnedmin kollha jnisslu fihom tama ġdida*

*Jalla din l-aħbar ta' l-Għid tidwi kull fejn hemm il-vjolenza, it-tbatija u d-disperazzjoni li għadhom jifnu l-bnedmin u l-familji...*

# KRISTU QAM!

*Mill-qabar, illum vojt, ħarġet il-**ĦAJJA** li ġġib fix-xejn il-qawwiet tal-ħażen li jheddu l-ħajja tal-bniedem.*

*Inti biss, o Kristu, għandek il-ħajja li ma tmut qatt.*



*Il-Knisja tgħolli l-għajta tagħha lejk f'isem dawk li huma mġarrbin.*
*Int Kristu, tama tagħna, int irxuxtajt!*
*O Sultan rebbieħ, agħtina l-ħajja ta' dejjem,*
*Iftħilna il-bieb tat-tama,*
*It-tama li ma tiġi qatt nieqsa. Amen.*



# IL-FERĦ TA' L-GĦID

*(Papa Ġwanni XXIII, Allokuzzjoni 28 ta' Marzu 1959)*

Il-Mewt u l-Ħajja ssieltu fi dwell qalil. Sid il-Ħajja (Kristu) rebaħ fuq il-mewt.

La Kristu rebaħ, tirbaħ il-Knisja matul is-sekli kollha.

Inqaċċtu minn ġo fina kull biża'. U niftħu qalbna għal tamiet sbieħ għall-ġejjieni.

Tfixkil żgur li jibqa' jkollna fid-dinja.

Iżda Kristu hu Rebbieħ fuq il-mewt.

Hu qalilna qabel tela' s-sema: AFDAW FIJA.

**JIENA RBAĦT ID-DINJA!**

Ir-rebħa ta' Kristu fuq il-Mewt hija garanzija tar-rebħa tagħna fuq kull tfixkil.

## Dun Ġorġ Preca - 4

# DUN ĠORĠ U L-PERSUNA TA' SIDNA ĠESU' KRISTU




Dun Ġorġ kellu għal qalbu b'mod tal-għaġeb lil Sidna Ġesù Kristu. Għalih ħadem, lilu mmedita, ħabbu u għaddieh lill-oħrajn.

Huwa kien jimmaġina lil Kristu qisu qiegħed ħdejh. Infatti se nikkwota biċċa minn silta li jisimha Ritratt ta' Kristu "Kristu kien raġel twil, wiċċu ta' żagħżugħ, la magħlub, lanqas smin, kulur ismar bajdani, moħħu għoli, għajnejh suwed u dejjem baxxi lejn l-art. Kien sabiħ, kif kien jixraq lill-Iben t'Alla magħmul bniedem, bla ebda difett f'ġismu, xagħru twil la nazzarena, kulur qastni bħall-baffi u l-mustaċċi tiegħu. Il-ħarsa tiegħu kienet gravi u serja b'mod li l-l-pajżani tiegħu rawh iva jibki, iżda qatt jidħaq."

Illum m'għandniex nieħdu din is-silta ta' Dun Ġorġ bħala nfallibbli iżda għandna narawha bħala l-mod kif huwa kien jħares lejn l-Iben t'Alla magħmul bniedem. Tant ħabbu li ma xtaqx iżomm din l-imħabba iżda bħall-qaddisin l-oħra ried jagħtiha lill-oħrajn. Infatti kien iħobb isemmi l-proverbju " Ma tistax tagħti min dak li m'għandekx".

Fi Kristu huwa ra l-Iben t'Alla magħmul bniedem għas-salvazzjoni u l-maħfra tad-dinja. Ħabb żewġ mumenti kbar tal-ħajja ta' Kristu...jiġifieri dak tat-Twelid u l-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib.

Huwa kien dak li beda f'Malta l-purċissjoni tal-Milied biex jagħmel enfasi li Kristu sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Fil-Bambini Dun Ġorġ ra espressjoni vera li l-Iben t'Alla sar bniedem. U proprju dawn huma l-kelmiet tal-Verbum Dei. għalkemm il-Verbum Dei illum saret distintiv tal-membri tas-Soċjetà tal-Museum, Dun Ġorġ xtaq li kulħadd jilbisha bħala xhieda li Kristu sar bniedem.

Punt ieħor li kien iħobb jimmedita fuq il-ħajja ta' Kristu kienet il-passjoni. Infatti għandu ktieb sabiħ fuq Ġesù Kurċifiss li jismu l-"Ktieb il-Kbir". Infatti jittratta lill-Kurċifiss bħala Ktieb li minnu nisiltu t-tagħlim tal-ħajja eterna. Minn hawn jislet ħafna tagħlim adattat għall-ħajja nisranija.

Kien jgħallem l-Eżerċizzju ta' San Vinċenz de Paul. Dan l-eżerċizzju jikkonsisti li meta issib ruħek f'xi ċirkustanża partikulari u tkun se taġixxi staqsi lilek innifsek "Kieku Sidna Ġesù Kristu kien minfloki, kieku x'kien jagħmel". Ir-risposta toħroġ weħedha għax dan l-eżerċizzju huwa magħmul biex l-Ispirtu ta' Kristu jidħol fin-nisrani.

Dun Ġorġ Preca għex bħal Kristu u miet irrassenjat mal-marda tiegħu bil-paċenżja fuq l-eżempju ta' Sidna Ġesù Kristu msallab. Infatti ġurnata qabel miet kien jiċċajta u saħansitra jagħti ordnijiet ta' kif għandu jsir il-funeral tiegħu.

**Angelo Xuereb**



# ECB

# HOTEL & CATERING EQUIPMENT LTD.

## ZANUSSI PROFESSIONAL



REFRIGERATORS



DISHWASHERS



STEAM/CONVECTION OVENS



CANTILEVER SYSTEM



BLAST CHILLERS

More *technology* at your service,
more *service* for your work.



ECB HOTEL & CATERING EQUIPMENT LTD.
40-41,Marina Street, Pieta, MSD 08. Tel: 233331, 243440 Fax: 241793




# Min jasal u min jitlaq

*Iktar mill-Espożizzjonijiet universali kollha. Aktar mill-Mondjali tal-football u ta' l-Olimpjadi. Għall-parteċipazzjoni u għad-dewmien, il-Ġublew ser ikun l-ikbar avveniment ta' massa fl-istorja.*

**• 30 miljun pellegrin, daqs kemm hemm nies fil-Marokk, huma mistennija li jgħaddu minn Ruma għall-Ġublew.**
**• 10 miljun ruħ huma mistennija fl-istess jum jidħlu u joħorġu minn Ruma, waqt li għall-bqija jkun hemm disponibbli :**
**• Miljun post fejn jorqdu, biżżejjed biex jospitaw in-nies kollha ta' belt bħalma hi Genova.**
**• 290, 000 litri ta' xorb u ilma minerali huma meħtieġa kuljum biex jaqtgħu l-għatx tal-viżitaturi. Waħda wara l-oħra, il-fliexken jiffurmaw kolonna twila ta' 90 km.**
**• 16, 000 *toilets* temporanji ġodda u 120 fissi kellhom jitpoġġew fil-punti l-iktar iffullati.**
**• 6900 karozzi privati, mitt ajrupjan, 20 ferrovija,**
**•1900 xarabanks turistiċi jaslu kuljum.**
**• 2000 huma l-huma l-pellegrini mistennija minn Iceland, il-pajjiż Ewropew li l-inqas fih insara. L-ewwel (apparti l-Italja) tiġi Franza, b'1,190,000 pellegrini, segwita mill-Ġermanja u minn Spanja.**
**• 3,000,000 ruħ huma mistennija mill-Amerika ta' Fuq; 900, 000 mill-Asja; 400,000 mill-Amerika t'Isfel; 300,000 mill-Oċeanja u 100,000 mill-Afrika.**
**• 350 *containers* kull xahar iservu biex jittrasportaw il-massa ta' rifjuti urbani li jħallu l-pellegrini.**
**• 2 miljuni huma mistennija li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ (15 t'Awissu 2000).**
**• 15-il darba wieħed kellu jmur San Pietru u San Pawl fi żmien Bonifaċju VIII biex jikseb l-indulġenza plenarja. Il-pellegrini fl-1300 kienu jdumu Ruma diversi ġimgħat, filwaqt li dawk tas-sena 2000 idumu medjament :**
**• 2.462.462.6 jiem; terz tal-pellegrini li jorqdu f'lukandi, kunventi u hostels.**




TATA

More car
per car...

Indica

- Power Steering
- Air Conditioned
- Central Lock
- Electric Windows

DIESEL

FOR ONLY Lm 4600

EUCHARIST MERCIECA
Auto Ltd.

INSURANCE SERVICES

Mgarr Road, Victoria VCT 11, Gozo.

Tel: 559977
552593
Tel/Fax: 557716
Mobile: 099 6025

*Lumen Christi Bookshop*

EASTER
BOOK SALE 2000

**Roħs Speċjali ta' 25%**

fuq kotba mill-isbaħ
għat-tfal u studenti
Mit-Tnejn 27 ta' Marzu
sas-Sibt 8 t'April
9.30-12.30 p.m. 7.00 p.m.-9.00 p.m.
fil-Lumen Christi Bookshop biss
Triq F.Mizzi, Victoria




IMPERIAL EAGLE

*Gozo Truck Transport*

Monday to Friday
at Pinto Wharf
from 7.30 a.m. to 11.00a.m.

JOSEPH SPITERI

"Villa Loreto"
Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo
Tel. 554929; 376193; 240836



IS-SISIEN TAT-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

# 3. Jeddijiet u Dmirijiet

mill-E.T. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex

## *-L-Ewwel Parti-*

Il-bniedem, imqiegħed minn Alla bħala sultan tad-dinja, għandu xi dmirijiet xi jwettaq, kif ukoll xi jeddijiet li għandhom jiġu rispettati għaliex mogħtija lill-bniedem, mill-Awtur tan-natura nnifsu.

It-tagħlim nisrani, peress li jirrikonoxxi l-valur u d-dinjità tal-persuna umana, jagħraf ukoll li l-bniedem huwa suġġett ta' dmirijiet u ta' jeddijiet. Kif kien qal, il-Papa Piju XI, fl-ittra li kiteb, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju tal-Università Kattolika ta' Washington (Ottubru 1938) "Il-kattoliċi mdawwlin dwar x'inhu l-bniedem u liema huma d-doti tiegħu, bilfors li jkunu difensuri tad-drittijiet u tal-libertajiet leġittimi tiegħu u f'isem Alla, jipprotestaw kontra t-tagħlim falz li jipprova jbaxxi d-dinjità tal-bniedem."

## Ġejjin minn Alla

M' aħniex nitkellmu hawn dwar ċerti drittijiet u dmirijiet, li ġejjin mis-soċjetà jew li ġew mogħtija mill-gvern tal-pajjiż bil-liġijiet li jkun għamel. Hekk per eżempju, min iħallas il-liċenzja, għandu l-jedd li jsuq il-karozza tiegħu, kif ukoll d-dmir li josserva l-liġijiet tat-traffiku. Iżda qegħdin nitkellmu dwar drittijiet u dmirijiet oħra iktar profondi, li ma humiex mogħtijin mill-bnedmin jew mis-soċjetà ċivili, iżda li għandhom il-bażi tagħhom fin-natura tal-bniedem stess, huma inerenti għall-persuna umana u konsegwenza jew korallarju tagħha. Nistgħu ngħidu għalhekk, li dawn il-jeddijiet u dmirijiet kien Alla li tahomlu lill-bniedem u li ġejjin minn Alla direttament.

Però jeħtieġ li nifhmu sewwa li dawn il-jeddijiet u d-dmirijiet huma marbutin ma' xulxin u allura mhux biżżejjed li nsemmu jew li nagħmlu enfasi biss fuq il-jeddijiet, imma jeħtieġ li niftakru wkoll fid-dmirijiet bażiċi li għandu l-bniedem. Difatti, huwa għandu mhux biss il-libertà personali u l-jeddijiet biex bihom iħarisha, iżda għandu jagħraf ukoll ir-responsabilità quddiem Alla u s-soċjetà, u dan ifisser li huwa marbut b'diversi dmirijiet. Il-jedd u d-dmir huma żewġ korrelativi, li kull wieħed minnhom, ma jistax joqgħod mingħajr l-ieħor.

Għal kull jedd li wieħed ikollu, jikkorrispondi f'ħaddieħor d-dmir li jirrispetta dak il-jedd. Il-jedd, mela , huwa setgħa jew fakultà morali li għandha tkun rikonoxxuta u aċċettata mill-oħrajn; jekk dan ma jsirx il-jedd ma jkun jiswa għal xejn.

L-iskop tad-drittijiet u tad-dmirijiet huwa doppju: L-ewwelnett il-ġid tal-persuna umana, biex tkun tista' tgħix ħajja deċenti u tgawdi d-dinjità u l-libertà tagħha; iżda mbagħad hemm ukoll il-ġid tal-kommunità sabiex tiżviluppa u timxi 'l quddiem u żżomm l-paċi.

## Il-jeddijiet

Hija importanti ħafna d-distinzjoni bejn jedd oġġettiv u jedd suġġettiv. Id-

dritt jew jedd oġġettiv hija r-regola jew il-liġi li fuqha wieħed għandu jimxi. Jista' jkun ukoll il-kumpless jew kodiċi ta' liġijiet bħal meta ngħidu dritt ruman, jew dritt kanoniku. Id-dritt jew jedd suġġettiv huwa fakoltà jew setgħa morali li jkollok jew li tagħmel xi ħaġa kif ukoll li teżiġiha minn għand ħaddieħor. F"dan is-sens aħna ngħidu li kwalunkwe bniedem għandu l-jedd li jħares ħajtu.

Il-jedd jew id-dritt nistgħu niddeskrivuh ukoll "bħala setgħa jew poter morali fuq ħaġa li hija tiegħek" kif ukoll "fakulta` jew setgħa morali li tagħmel jew ma tagħmilx xi ħaġa jew li teżiġiha mill-oħrajn." Dejjem qegħdin nitkellmu fuq setgħa morali, li hija inkwadrata fil-liġi morali u mhux fuq setgħa jew qawwa fiżika, jew l-użu tal-forza. Il-kelma "ħaġa" hawnhekk tfisser mhux biss oġġett materjali, iżda kwalunkwe realta` li tista' tkun ta' utilita` jew ta' gost għall-persuna, bħal ma huwa xi għemil jew tħollija ta' għemil, xi unur jew xi servizz.

Din id-definizzjoni, l-iktar li taqbel, huwa mal-ġustizzja kommutativa, ċioè meta hemm relazzjoni ta' ugwaljanza bejn żewġ persuni, fiżiċi jew morali. Iżda tista' tiġi applikata wkoll għall-ġustizzja legali jew id-dritt li jista' jkollha l-kommunità ċivili fuq il-membri tagħha; u bil-maqlub, taqbel anki għall-ġustizzja distributtiva, ċioè dak li l-membri tal-kommunità jistħoqqilhom jistennew minn għand l-awtorità li tmexxi l-kommunità tagħhom.

F' kull jedd, wieħed għandu jsib tliet elementi: l-ewwelnett, is-suġġett jew il-persuna li tgawdi dak il-jedd; it-tieni, it-titolu, il-fundament jew ir-raġuni li fuqhom mibni dak il-jedd; u fl-aħħarnett it-terminu, ċioè il-persuna li għandha d-dmir li jikkorrispondi għall-jedd imsemmi, jiġifieri li tirrispettah. It-terminu jista' jkun ukoll il-materja ossia l-oġġett li fuqu hemm dak id-dritt. Per eżempju, Pietru għandu jedd jieħu d-dar li ħallielu b'testment, zijuh Pawlu. F'dan il-każ, Pietru huwa s-suġġett, it-titolu huwa t-testment validu ta' Pawlu, it-terminu materjali hija d-dar, u t-terminu personali huma n-nies l-oħra li issa jridu jirrikonoxxu lil Pietru bħala s-sid il-ġdid tad-dar.

F' dan il-kuntest, jekk ma jingħadx xort'oħra, qegħdin nitkellmu biss dwar il-jedd suġġettiv, u ta' min jinnota li dan għandu tliet karatteristiċi li huma l-obbligatorjetà u l-universalità, kif inhija l-liġi li minnha jiddependi, għaliex din tobbliga jew torbot u hija universali jiġfieri tgħodd għal kulħadd. It-tielet karatteristika hija l-koattività, ċioè l-jedd huwa msieħeb ukoll mas-setgħa, li jirbaħ kull reżistenza li jiltaqa' magħha; dan ifisser li min għandu xi jedd, huwa ntitolat ukoll li jirrikorri għand xi awtorità ogħla minnu li tista' tuża wkoll il-forza fiżika, biex il-jedd ikun rispettat.



Insemmu issa, xi wħud mill-għamliet tal-jeddijiet suġġettivi. Jissejjaħ jedd naturali meta jkun ġej mill-istess liġi naturali jew min natura nfisha tal-bniedem u tal-ħlejjaq. Jissejjaħ jedd pożittiv, meta jkun jiddependi minn xi liġi li ma kinitx teżisti minn dejjem iżda ġiet ippromulgata f'xi żmien determinat u din tista' tkun divina jew umana.

Jissejħu innati, dawk il-jeddijiet li kull bniedem jitwieled bihom, bħal ma huwa l-jedd għall-libertà personali. Min-naħa l-oħra, hemm ukoll jeddijiet li wieħed jakkwista f'xi żmien matul ħajtu u dawn jissejħu drittijiet akkwistati jew akwiżiti.

Il-jeddijiet inaljenabbli huma dawk li l-bniedem ma jistax iċedihom jew jiċċaħħad minnhom bħalma huwa l-jedd għall-ħajja. Jekk bil-maqlub, ikun jedd li wieħed jista jċedih lil ħaddieħor, bħal ma huwa dak li għandu fuq xi oġġett li jkun xtara, jissejjaħ jedd aljenabbli.

Hemm ukoll jeddijiet fundamentali u oħrajn mhux fundamentali jew sekondarji. Id-differenza bejn iż-żewġ għamliet hija għaliex il-jeddijiet fundamentali joħorġu mid-dinjità tal-persuna umana u fuqhom jinbnew jeddijiet oħra inqas essenzjali.

***(Fil-ħarġa li jmiss nitkellmu dwar id-dmirijiet)***



# F'ĠERUSALEMM SARET L-AĦĦAR IKLA

*jikteb*
***Mons. Lawrenz Sciberras***

Ġesù awl il-lejl qabel ma bata, għamel l-ikla tal-Għid flimkien ma' l-appostli. Din l-ikla ta' l-Għid, li kienet ikla ta' tifkira, ma saretx għall-ewwel darba minn Ġesù. Ta' min ifakkar li kull Lhudi huwa obbligat biex ta' kull sena jagħmel din l-ikla speċjali u jiftakar fil-hemm u t-tbatija li missirijiethom ġarrbu fl-Eġittu.

### Ikla speċjali

Din ta' Ġesù però, din id-darba kienet waħda kollha kemm hi speċjali, u dan għaliex kif jiddeskrivu wisq tajjeb l-evanġelisti, Ġesù bil-qawwa tiegħu ta' Alla bidel il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tiegħu. U ma waqafx hawn, imma ta' ordni qasira imma tant importanti: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Din l-aħħar ikla ta' Ġesù mat-tnax saret f'atmosfera ta' ħerqa u stennija kbira: "kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla ta' l-Għid magħkom qabel ma nbati". (Lq 22,15).

Għalhekk dik il-għorfa ta' fuq" (Lq. 22,12) fejn ġo fiha saret l-ikla qaddisa, bdiet iżżid fl-importanza tagħha. Sar imkien tant għażiż u mixtieq minna l-insara. Iċ-Ċenaklu xettel l-ewwel għeruq tal-Kristjaneżmu, b'mod li llum sar wieħed mis-santwarji għeżież fl-Art Imqaddsa. Matul il-medda tas-snin, min jaf kemm saru rappreżentazzjonijiet ta' din l-għorfa hekk unika biex jerġgħu iġeddu l-memorji għeżież ta' din l-aħħar ikla ta' Ġesù ma' l-appostli.

### Belt tipika u qaddisa

U dan kollu sar fil-Belt ta' Ġerusalemm, biex hekk din il-belt tkompli tiġma' u tkabbar lejha d-devozzjonijiet qawwija. Hekk Ġerusalemm tkompli toħroġ fil-beraħ il-karattru uniku tagħha ta' belt speċjali, magħżula u qaddisa. u bir-raġun, għaliex Ġerusalemm hija dik il-belt fejn twieldet il-Knisja. Il-Knejjes l-oħra kollha tad-dinja għandhom iħarsu u jaraw f'din il-belt il-misteri tant kbar tagħha. Il-passjoni, il-mewt u l-qawmien glorjuż ta' Ġesù kollha ġraw f'din il-belt tant għażiża u xxurtajta.

Kull min ikollu x-xorti li jżur din il-belt, u aktar jieħu sehem f'xi waħda mill-funzjonijiet suġġestivi li jsiru hemm, dan jikkonkludi kemm Ġerusalemm hija belt unika u tipika fid-dinja. Hija tħaddan 'il ġewwa mill-ħitan tagħha patrimonju sagru ta' qima u venerazzjoni ta' miljuni ta' nies li jemmnu. Ġerusalemm hija tassew il-patrija spiritwali ta' dawk kollha li jemmnu f'Alla wieħed u setgħani: Il-Lhud, l-Insara u l-Musulmani. Għal Lhud, Ġerusalemm hija marbuta ma' tant ġrajjiet profondi, il-bini tat-tempju. Biżżejjed tmur sa ħdejn il-ħajt tal-bekkejja biex tikkonkludi dan kollu. Għalina l-Insara Ġerusalemm rat l-aħħar waqtiet imdemma' ta' Ġesù flimkien mal-qawmien glorjuż tiegħu. Għall-Musulmani, mbagħad, huma jemmnu bis-sħiħ li l-profeta Mawmettu tela' s-sema minn hemm. Għalhekk illum wieħed jara dik il-meravilja ta' Moskea, bil-koppla tagħha tilma u tleqq.

F'Ġerusalemm l-ekumeniżmu kemm intern kif ukoll estern jitħaddem fl-aqwa tiegħu. Ikun biżżejjed li wieħed imur iżur il-knisja tal-Qabar ta' Kristu u jikkonkludi kemm dan huwa veru. Latini, Griegi u Ortodissi, Armeni u Kopti lkoll jitolbu lil Alla wieħed. Tassew f'postha hija l-karba tas-salm "li jkun hemm paċi ġewwa l-ħitan tiegħek".

U fost il-bosta santwarji tant għeżież għalina l-insara, Ġersusalemm tħaddan ukoll dak ta' l-Aħħar Ċena; dik l-għorfa magħżula u li ġo fiha ġraw tant ħwejjeġ għeżież. Kienu dawn il-ħwejjeġ li għażlu din il-kamra mill-għorof l-oħra kollha ta' Ġerusalemm. Ġo dan il-post saru l-aktar ħwejjeġ għeżież u qaddisa. It-twaqqif ta' l-Ewkaristija; Ġesù jidher lill-appostli u jagħtihom il-paċi; u nżul l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli u fuq Marija. Preċiżament f'dan l-imkien qaddis twieldet il-Knisja u ħarġet fil-beraħ ixxandar lil Kristu.

Fiċ-ċenaklu saret l-Ewwel Quddiesa; fiċ-Ċenaklu l-appostli saru l-ewwel isqfijiet u pedamenti tal-Knisja. Fiċ-ċenaklu Ġesù tkellem u għallem dwar id-diversi missjonijiet li għandha l-Knisja. Kien fiċ-Ċenaklu wkoll li Ġesù ħasel saqajn l-appostli u għallem dwar dan il-qadi. Kien hawn ukoll li Ġesù kixef is-sigriet li wieħed mit-tnax kien se jittradih. Fiċ-ċenaklu wkoll Ġesù b'ton l-aktar solenni wiegħed l-Ispirtu s-Santu. U dan ġie, u bidel l-appostli, dawwalhom u mliehom bid-doni tiegħu.

Huwa kollu għalhekk li matul żmien ir-Randan u iżjed matul il-Ġimgħa Mqaddsa naraw tant għamliet u suriet ta' din il-għorfa tant speċjali u unika. Tassew ħasra, tassew fatt li jnissel fik għafsa ta' qalb meta tiftakar li din l-għorfa mhix preċiżament f'idejn l-insara. Illum wieħed ma jistax iqaddes hemm.

Trid tkun ix-xewqa, il-fantasija u l-fidi li twasslek biex meta tkun f'dik l-għorfa tistħajjel li qed tisma' lil Ġesù jtenni: "Dan hu ġismi", "Dan hu Demmi". Iva, dan kollu ġara fil-għorfa ta' fuq, għorfa li tant ixxurtjata u unika madwar id-dinja.





The NEW FIAT PUNTO
• best safety car in Europe for the year 2000.
• 3-door or 5-door.
• diesel or petrol.
DYNAMIC!

EUCHARIST MERCIECA
Auto Ltd.
INSURANCE SERVICES
Mgarr Road, Victoria VCT 11, Gozo.
Tel: 559977 552593
Tel/Fax: 557716
Mobile: 099 6025



**We are best known**
**for our extensive range**
**of marble and granite.**

Our fabulous collection ceramic tiles is no second best.

We are exclusive stockists of beautiful tiles such as

**PORCELLANOSA, VENIS and ROCERSA**
**from Spain and Italy**

*Come and see how we can transform*
*any art of your home into a masterpiece*

**A.F. Ellis ltd.**

**Head Office: 16 Għajn Qatet Street, Victoria, Gozo**
**Tel: 555801 / 558398 / 556021 Fax: 551561**
**Malta: Psaila Street, B'Kara Tel: 488112 • Fax: 442314**

# Il-Ħbieb Isejħu bl-Istejjer - 3

***Reċensjoni minn Dr. Mario Saliba M.D.***




Għadu kemm ġie ppublikat it-tielet volum fis-sensiela "Il-Ħbieb Isejħu bl-Istejjer" mill-M.U.S.E.U.M. tas-Subien tan-Nadur u stampat mil-Librerija Preca. Dan il-ktieb għandu l-għan prinċipali li permezz ta' l-istejjer jitwassal messaġġ pożittiv. Għax kif intqal tajjeb fid-daħla tal-ktieb: x'hemm aħjar minn ġrajja biex twassal messaġġ? Bħalma darba qal Emerson: "Il-predikaturi jitilfu ħafna sigħat jippreparaw il-priedki u kultant jinsew idaħħlu fihom ġrajja. U jaħasra, il-kotra u magħhom jien ukoll, ninsew kollox barra l-ġrajja."

Il-ktieb fih indiċi alfabetiku biex jgħin lill-qarrej jagħżel hu s-suġġett li jrid rakkont żgħir dwaru. Hekk, per eżempju, jekk trid twassal il-messaġġ li l-għira hija ħaġa negattiva, fittex il-kelma "għira" fl-indiċi u għandek issib żgur ġrajja dwar l-għira li minnha wieħed jista' jislet tagħlima żgħira.

Il-ktieb huwa mqassam tajjeb u b'kollox fih 500 ġrajja, kollha qosra biex dak li jkun ma jiddejjaqx jaqrahom u l-messaġġ ma jintilifx.

Jiena sibt dan il-ktieb ta' serħan il-moħħ u jgħinek tkun pożittiv fil-ħajja. Nirrkkomandah lil kull min għandu kuntatt mat-tfal u ż-żgħażagħ għax jista' faċilment jintuża biex wieħed jgħallem jew aħjar jgħaddi messaġġ u nissuġġerixxi li jintuża l-indiċi għax il-ġrajjiet wara xulxin ma għandhom l-ebda konnessjoni ma' xulxin.

Din hija biċċa xogħol oħra ta' fejda minn dan il-qasam tal-M.U.S.E.U.M.

# Trab Abjad

*ta' Pierre J. Mejlaq, Publikazzjonijiet Indipendenza, pp.64.*




Kollox beda meta omm Peter irnexxielha tipperswadi lil missieru biex mill-Amerka jiġu jqattgħu l-btajjel tagħhom f'Għawdex. F'Għawdex Peter jagħmel ħbieb ma' xi tfal u hawn tibda l-istorja nteressanti ta' dan il-ktieb.

Dak li jagħmel din l-avventura speċjali huwa li hija l-ewwel sforz ta' Pierre J. Meilaq, żagħżugħ li ċertament ix-xogħol tiegħu 'l quddiem se jkun simili għal dak ta' Trevor Zahra u Ġorġ Mallia.

Wieħed mill-modi ta' kif tinduna jekk ktieb għat-tfal huwiex "tajjeb" huwa kemm idum fuq id-desk tat-tfal, qabel ma dawn jaqbduh u jibdew iqallbuh tant li jinsew dak li suppost qed jagħmlu. Naħseb li "Trab Abjad" ta' Pierre Mejlak faċilment jgħaddi minn dan it-test.

Ħaġa karatteristika ta' din l-avventura ta' tfal li jsibu pakketti ta' "trab abjad" (droga), huma d-dettalji li fih ir-rakkont, b'tali mod li minn kull dettal tista' toħroġ tagħlima.

Nittamaw li dan hu biss il-bidu tal-kitba ta' Pierre J. Mejlak fil-qasam tal-kitba għat-tfal. Prosit Pierre. 'Il quddiem nistennew aktar publikazzjonijiet mingħandek!

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

# Il-mobile phones u saħħet il-bniedem

**Illum saret moda li persuna ġġor *mobile phone* magħha. Din l-invenzjoni tat-teknoloġija moderna saret l-iktar oġġett komuni li tara madwarek f'dawn iż-żminijiet. L-utilità ta' dan il-mezz ta' komunikazzjoni ħadd ma jista' jiċħdu. F'każ ta' emerġenza jista' jsalva ħajja ta' bniedem.**

Iżda llum mhux il-bżonn biss jiddetta l-użu ta' dan il-mezz. L-użu tal-*mobile* sar parti mill-istil ta' ħajja li ngħixu. Bla dubju ta' xejn l-użu tal-*mobile* inissel ċerta sigurà f'dak li jkun għax f'każ ta' diffikultà l-*mobile* jista' faċilment jintuża biex tintalab l-għajnuna tkun fejn tkun. L-użu ta' dawn l-imberkin *telefonini* qiegħed jinfirex kuljum minħabba li l-industrija tat-telekomunikazzjoni qegħda toffri prezzijiet dejjem iktar baxxi (barra f'Malta!) kemm għall-apparat innifsu u kemm għall-*calls* li jsiru. Illum hemm diversi affarijiet li wieħed jista' jagħmel b'dan id-daqsxejn ta' apparat u l-kumpaniji multi-nazzjonali sfruttaw dan il-potenzjal bl-iktar mod vast u modern. Il-*mobile phone* sar mhux biss mezz effikaċi ta' komunikazzjoni iżda mezz ta' informazzjoni. Fil-futur qarib ser ikun l-iktar mezz wara l-kompjuter li jintuża. Wara kollox, il-*mobile phone* qisu kompjuter żgħir i tista' ġġorru fil-but u li, flimkien mal-*laptop*, sar il-mod futur tal-komunikazzjoni.

Is-servizzi li joffru l-kumpaniji kbar permezz tal-*mobile phones* tagħhom huma xi ħaġa tal-ġenn. Permezz tal-*mobile* llum tista' żżomm kuntatt ma' kulmin trid, anke meta inti ma tkunx fl-uffiċċju. Bil-*mobile phone* tista' tirċievi *fax* jew *email*, tista' tgħaddi l-*call* lil xi ħadd ieħor jew tikkomunika ma' iktar minn persuna waħda fl-istess ħin. Wieħed jista' jkollu numru tat-telefon personali minkejja numri differenti li jkollok id-dar, l-uffiċċju, post tax-xogħol, eċċ. Dan ifisser li min iċempillek fuq dawn in-numri differenti dejjem jaqbad miegħek minkejja li inti ma tkunx fuq dawk in-numri. Servizz ieħor possibbli permezz tal-*mobile phone* huwa l-ġbir ta' informazzjoni li tista' takkwista tkun fejn tkun. Din l-informazzjoni tista' tkun ta' natura finanzjarja jew rapporti tat-temp jew anke informazzjoni dwar l-ammont tat-traffiku li hemm fid-direzzjoni li tkun tivvjaġġja fiha. Għalhekk wieħed jista' jieħu ċerti prekawzjonijiet biex ma jnqabadx f'xi konġestjoni tat-traffiku billi jbiddel id-direzzjoni tal-vjaġġ tiegħu.

Il-*mobile phones* jistgħu jkunu wkoll ta' distrazzjoni u forsi ta' ħsara għas-saħħa wkoll. Tkun fejn tkun, tisma' dak il-ħoss ta' xi *mobile* fil-qrib iċempel. Il-melodija tista' tkun diversa iżda l-ħoss xorta jindika li hemm xi ħadd fil-qrib li kellu *call* fuq il-*mobile*. Anke meta tkun vaganza f'xi lukanda barra minn Malta tibqa' suġġett għall-ħoss ta' dawn l-imberkin *telefonini* jċemplu. Meta tkun fuq ferrovija jew *stagecoach* il-ħoss ta' dawn il-*mobiles* iċemblu ma jaqta' xejn. Tant huwa persistenti dan iċ-ċempil li jekk toqgħod tagħti kasu jdejqek u jagħmillek ċertu nervożiżmu.

Mistoqsija li ta' spiss tisma' hija jekk l-użu ta' dawn il-*mobile phones* jagħmilx ħsara lis-saħħa tal-

bniedem. Għalkemm s'issa l-ebda studju għadu ma stabilixxa li hemm konnessjoni diretta ma' xi tumuri fir-ras jew xi ħsara oħra fil-moħħ ma' l-użu tal-*mobiles*, hemm studji li juru li l-użu spiss tal-*mobiles* jista' jkollu effett ħażin fuq is-saħħa. Dawn l-effetti ħżiena huma iktar possibbli bl-użu ta' *mobiles* diġitali, għalkemm s'issa fil-konkret ma hemm xejn. Minkejja dan, wieħed xorta għandu joqgħod attent u jagħmel użu aħjar minn dan il-mezz utli billi jużah għall-bżonn biss u għal ħinijiet qosra. L-effetti ħżiena bioloġiċi jistgħu jibdew jidhru għoxrin sena oħra skond l-ammont ta' *exposure* għar-radjazzjoni minn dawn it-telefons ċellulari li wieħed ikollu kuljum. Dan li jingħad b'mod ġenerali jista' ma jgħoddx għal kulħadd għax is-sistema immunitarja mhix ta' kulħadd l-istess. Xjenzati sabu li ċerti ċelluli tal-ġisem, jekk ikunu suġġetti ripetutament għal ftit minuti ta' radjazzjoni ta' l-istess frekwenza li toħroġ minn telefon ċellulari, jistgħu jagħtu bidu għal xi tip ta' tumur fir-ras. Għalkemm ma kienx hemm konnessjoni diretta s'issa bejn l-użu taċ-ċellulari u xi tip ta' mard, wieħed għandu dejjem joqgħod attent u jagħmel użu bil-għaqal ta' dan il-mezz effikaċi ta' komunikazzjoni. Bħala parir wieħed għandu jitkellem fuq il-*mobile* mill-inqas, u jekk juża nuċċali bil-*frame* tal-metall ineħħi n-nuċċali waqt l-użu tal-*mobile*. Ir-raġuni hi li l-metall tan-nuċċali jista' jkabbar ir-raġġi elettromanjentiċi għal erba' darbiet aktar.



GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

*EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX*
*U SEBBĦU T-TWIEQI TAGĦKOM*

**GOZO VERTICALS, BLINDS & SHADES LTD.**

*ta' TONY CAMILLERI*

*FEJN ISSIBU VARJETÀ KBIRA TA'*
**BLINDS U SHADES TA'**
**MATERJAL, ALUMINIUM U PLASTIC**

*PREZZIJIET RAĠJONEVOLI*

*Għal aktar tagħrif*
*Ċemplu* 553352, 562211 Fax 562211 Mobile 099 5001.
*jew irrikorru* N.B. Cocco Palmeri Street, Nadur, Għawdex.

# Għawdex Sportiv

## MIN SER IKUNU C-CHAMPIONS TAL-BALLUN F'GĦAWDEX?



L-Albaniżi Pelinku (Nadur Y.) u Rama (Victoria H), tnejn mill-aħjar plajers barranin li jilagħbu f'Għawdex

**Ħarsa lejn kif qed jiżvolġi l-kampjonat.**

Appena ntemm l-ewwel rawnd tal-kampjonat Rothmans ta' l-ewwel diviżjoni, suppost li joħorgu ċerti ndikazzjonijiet. Indikazzjonijiet bħalma min ser jispiċċa rebbieħ, kif min ser jaqa' fit-tieni diviżjoni. Però jidher li dan l-istaġun jeżisti bilanċ bejn it-tmien timijiet. B'dan ma rridx infisser li t-timijiet kollha jistgħu jitpoġġew f'keffa waħda. Altru li mhux il-każ. Iżda l-klassifika fi tmiem l-ewwel rawnd tħalli lit-timijiet ragruppati. Tmien timijiet li qed jifformaw koppji mill-punti miksuba. Dan l-interess fil-klassifika qed ipatti xi ftit għal-livell mhux daqstant eżaltanti muri s'issa. Huwa kampjonat imbiċċer f'dak li huwa andament ta' programmar tal-fixtures. Sitwazzjoni inevitabbli mpostata bl-impenji ta' Gozo FC fil-kampjonat Premier tal-MFA. Dan kollu jnaqqas l-interess tal-pubbliku sportiv fejn bil-pawsiet li jeżistu , dak li jkun jinsa dwar l-aħħar partita li jkun lagħab it-tim favorit tiegħu.

Intant, żewġ timijiet kienu jillidjaw flimkien bi 12 il-punt. Victoria Hotspurs, irrispettaw il-pronostku li jkunu ma' ta' quddiem. L-akkwist ta' Rama, konoxxenza stabbli tal-futbol lokali, tahom iktar sens ta' direzzjoni. Magħhom insibu s-sorpriża pożittiva fit-tim ta' Żebbuġ Rovers li friski mill-promozzjoni, qed jiksbu riżultati nkoraġġanti. Fil-barrani Stefanonic għandhom wieħed mill-ftit plajers barranin li jaf jagħmel id-differenza. S'issa għandhom l-aħjar attakk tal-kampjonat. B'10 punti kull wieħed, insibu lil Xagħra United u lil Nadur Youngsters. Wara bidu diffiċli, Xagħra qed jissetiljaw, però mhux daqstant konsistenti. Anke Nadur ma żammewx ir-ritmu, però c-champions bl-inklużjoni tad-debuttant Pelinku, bla dubju wieħed mill-aħjar barranin li qed jilagħbu fi gżiritna, jindikaw li mhux ser iħalluha faċli għal oħrajn li jeħdulhom it-titlu.

Bi 8 punti nsibu żewġ timijiet oħra, Għajnsielem u Xewkija Tigers, żewġ timijiet li alternaw logħbiet tajba ma' oħrajn inqas







jikteb Joe Bajada

sodisfaċenti. Bħala logħob, Għajnsielem jixirqilhom xi ħaġa aħjar, filwaqt li Xewkija jridu jirranġaw fuq wara jekk l-ambizzjonijet huma tal-ewwel postijiet.

Imbagħad b'7 punti, fl-aħħar post, insibu lil Sannat Lions u SK Victoria Wanderers. Bla dubju, Sannat huma l-akbar diżappunt. Għadhom jesperimentaw f'dik li hija formazzjoni tattika. Jekk ma jirranġawx, ftit jistgħu jevitaw diżappunt fl-aħħar tal-kampjonat. Min-naħa tar-Rabtin, dawn friski mill-promozzjoni, qed jagħmlu li jistgħu biex ikollhom staġun sodisfaċenti u jilħqu l-objettiv prinċipali tagħhom: dak li jsalvaw.

Dan kollu meta ninsabu f'nofs triq. Issa li jibdew iżjed problemi bħal injuries u sospensjonijiet, dan kollu jaf jagħmel id-differenza bejn x'uħud. Li hu żgur huwa li l-kumplament tan-nofs l-ieħor ser jiggarantixxi partiti nteressanti u dan biex jiġi deċiż min ser jispiċċa champion, kif ukoll biex ikun magħrufa liema żewġ timijiet ser jiġu ritroċessi.

*It-Tieni Diviżjoni*

## Kercem Ajax Favoriti

Hekk kif intemm l-ewwel rawnd, Kerċem Ajax jinsabu jgawdu vantaġġ ta' xejn inqas minn ħames punti fuq Għarb Rangers li jinsabu warajhom. It-13 il-punt li għandhom bħalissa Kerċem huma garanzija li f'dan l-aħħar rawnd, m'għandhomx ifallu milli ta' l-inqas jiksbu promozzjoni għalkemm l-indikazzjonijiet juru li ġa għandhom iktar minn id waħda fuq il-kampjonat. L-isfida li jagħtuhom tista' tasal minn Għarb Rangers (8 punti) u Oratory Youths (7 punti). Diffiċli ħafna li jirbħu l-kampjonat, però teżisti wkoll il-possibiltà tat-tieni post u l-promozzjoni awtomatika. Għal dan l-objettiv tal-aħħar, jistgħu joffru ċerta sfida St. Lawrence Spurs u Qala St. Joseph it-tnejn b'5 punti. Min jaf, jekk forsi wieħed minn dawn il-qaddisin li jġibu isimhom hux ser jagħtu palata! Ċajt apparti, huwa kompitu diffiċli għat-tnejn, jekk ukoll mhux impossibli. Imbagħad bla ebda tama nsibu lil Munxar Falcons b'punt wieħed biss, tim bi problemi ta' formazzjoni, b'limitazzjonijiet ta' xelta ta' plajers.

## KIF SPIĊĊAW L-EWWEL RAWND

*L-Ewwel Diviżjoni*

| | L | | D | T | F | K | PTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Victoria Hotspurs | 7 | 3 | 3 | 1 | 14 | 8 | 12 |
| Żebbuġ Rovers | 7 | 3 | 3 | 1 | 15 | 12 | 12 |
| Xagħra United | 7 | 2 | 4 | 1 | 10 | 7 | 10 |
| Nadur Youngsters | 7 | 2 | 4 | 1 | 7 | 6 | 10 |
| Għajnsielem | 7 | 2 | 2 | 3 | 10 | 10 | 8 |
| Xewkija Tigers | 7 | 2 | 2 | 3 | 12 | 14 | 8 |
| Sannat Lions | 7 | 2 | 1 | 4 | 6 | 11 | 7 |
| SK Victoria W. | 7 | 2 | 1 | 4 | 8 | 14 | 7 |

*It-Tieni Diviżjoni*

| | L | R | D | T | F | K | PTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kerċem Ajax | 5 | 4 | 1 | 0 | 10 | 2 | 13 |
| Għarb Rangers | 5 | 2 | 2 | 1 | 9 | 6 | 8 |
| Oratory Youths | 5 | 2 | 1 | 2 | 12 | 9 | 7 |
| St. Lawrence Spurs | 5 | 1 | 2 | 2 | 6 | 3 | 5 |
| Qala St. Joseph | 5 | 0 | 5 | 0 | 7 | 7 | 5 |
| Munxar Falcons | 5 | 0 | 1 | 4 | 5 | 22 | 1 |

OUR PIZZA OVEN SPEAKS ITALIAN

SMUGGLER'S CAVE

Bar • Restaurant • Pizzeria

Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.

Tel: 551005 - 551983

Mid-dinja

# Teknoloġika

rubrika ta' **Pierre J. Mejlak**

## *Id-Dinja Virtwali taħt attakk*

Fil-ġimgħat li għaddew għajnejn id-dinja kienu mmirati lejn l-attakki tal-*hackers* fuq siti kbar ta' l-internet. Bosta *web sites* kbar bħal *eBay*, *Amazon.com*, *Buy.com*, flimkien mal-*Yahoo*, *CNN.com, Etrade* u *Datek* u *ZDNet* kienu inaċċessibbli għal xi ħin tal-ġurnata minħabba dawn l-attakki. Dawn l-attakki urew biċ-ċar kemm l-internet għadu vulnerabbli ... siti enormi jistgħu jingħalqu minn grupp ta' nies fi ftit ħin.

Imma x'jagħmlu speċjali dawn il-*hackers*? Fi ftit kliem dawn jibbumbardjaw lis-*server* tal-*web site* b'ħafna pakketti ta' talbiet għal informazzjoni. Meta s-*server* jirrispondi, is-sistemi tal-*hackers* jerġgħu jitolbuh ħafna aktar talbiet. Il-*web site* taħt attakk tipprova tlaħħaq mat-talbiet u għalhekk dawk li jkunu jfittxu s-*site* f'dak il-ħin ikollhom jistennew ħin twil biex jidħlu fis-*site*. Il-konklużjoni tkun li s-sistema tas-*site* tieqaf.

Daniel Todd, uffiċċjal tal-*Keynote Systems*, kumpanija li tkejjel is-suċċess tal-*web sites*, qal li l-attakki fuq l-*eBay* kienu simili ħafna għal dawk tal-*Yahoo* u l-*Buy.com* Fil-każ tal-*Yahoo*, l-attakk kien indirizzat lejn il-*Global Centre*, il-kumpanijia li għandha l-*web sites* tal-*Yahoo*.

Is-Senatur Joe Lieberan qal li minn mument għall-ieħor jista' jkun hemm xi spija fil-kompjuters tal-Gvern li jista' jagħmel danni serji. Huwa għal din ir-raġuni li azzjoni trid sseħħ minnufih.

Espert ieħor, Jack L. Brock Jr, qal li kważi l-aġenziji kollha tal-Gvern huma mgħammra b'sistemi ta' sigurtà fqar u li jistgħu faċilment jispiċċaw il-mira tal-*hackers*. Kien propju għal din ir-raġuni l-Aġenzija Amerikana għall-Protezzjoni tal-Ambjent għalqet temporanjament il-*connection* tal-internet.

## *Il-Gvern Amerikan jitlob il-parir ta' hacker 'konvertit'*

Ftit ġimgħat biss wara li ħareġ mill-ħabs, *hacker* tal-kompjuters ġie mitlub mill-Gvern Amerikan biex jgħinhom fil-ġlieda kontra l-*hackers* u biex in-*networks* tal-Gvern Amerikan ikunu 'l bogħod minn kull spija. Hu ġie mitlub biex jispjega x-xogħol tal-*hackers* u biex jissuġġerixxi modi kif il-gvern jista' jsib soluzzjoni għal din il-problema.

Dan il-*hacker*, ċertu Mitnick ta' 36 sena, żvela li f'dawn l-aħħar 20 sena rnexxielu jippenetra f'kull sistema li attakka ħlief għal waħda. Żvela wkoll li waħda minn dawn is-sistemi kienet ta' kulleġġ f'California, li tiegħu kien konsulent b'paga regolari! Mitnick, li għal dawn it-tliet snin li ġejjin ma jista' juża l-ebda kompjuter jew *mobile phone*, ħareġ mill-ħabs fil-21 ta' Jannar li għadda, wara kważi ħames snin. L-FBI kienet ilha tiġri warajh tliet snin sabitu fl-appartament tiegħu fl-1995. Mitnick qal li l-ħidma tal-Gvern Amerikan kontra l-*hackers* bdiet fuq pass tajjeb u offra nofs tużżana suġġerimenti oħra.

Li taqbad *hacker* hu xogħol diffiċli u jeħtieġ li jkun hemm koperazzjoni kbira bejn *service providers* u kumpaniji oħra. Kif spjega tajjeb Mitnick "Li kieku ma kienx hemm koperazzjoni kbira bejn *service providers* u l-kumpaniji tat-telefon li wasslu biex sabu minn fejn kont qed nopera, jien ma kont ninqabad qatt". Mitnick spjega fid-dettal kif irnexxielu jidħol fin-*network* mondjali tal-*AT&T*'s. Għamel ta' bir-ruħu kien wieħed mill-uffiċċjali tal-kumpanija. Ċempel waħda mir-*receptionists* u talabha tibgħatlu fax b'*password*!


Okkażjoni
partikulari?...
Ikla Speċjali!...
F'AMBJENT
NATURALI!...
Pasta Taljana...
minn Kok Taljan!
IL-KENUR
Bar & Restaurant
Xlendi Road, Gozo.
Tel: 551583 - Fax: 563282
Miftuħin għalik kuljum, biex bl-aħjar ikel inservuk!


The All-new CELICA
Face-to-face with Excitement
Front on, the assertive stance and stylish poise
ignite a passion for driving excitement.
Futuristic headlamps and aggressive air intake
meld form with function.
Open up the New Celica!
CELICA
TOYOTA
debono
Rohan Arch, Zebbug. Tel: 465806 / 465642
PARDI ENTERPRISES LTD.
Gozo Dealer - Tel: 556678 / 553715